Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/220

tat-3 ta' Frar 2015

li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 li jistabbilixxi netwerk għall-ġbir ta' informazzjoni tal-kontabbiltà dwar id-dħul u l-operazzjoni kummerċjali ta' azjendi agrikoli fl-Unjoni Ewropea

(ĠU L 46, 19.2.2015, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2323 tal-11 ta' Diċembru 2015	L 328	97	12.12.2015

▼B

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/220

tat-3 ta' Frar 2015

li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 li jistabbilixxi netwerk għall-ġbir ta' informazzjoni tal-kontabbiltà dwar id-dħul u l-operazzjoni kummerċjali ta' azjendi agrikoli fl-Unjoni Ewropea

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi netwerk għall-ġbir ta' informazzjoni tal-kontabbiltà dwar id-dħul u l-operazzjoni kummerċjali ta' azjendi agrikoli fl-Unjoni Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 5(1), l-Artikolu 5*a* (2) u (4), l-Artikolu 5*b* (7), l-Artikolu 7(2), it-tielet sottoparagrafu tal-Artikolu 8(3) u l-Artikolu 19(3) tiegħu,

Billi:

(1) Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, ir-Regolament (UE) Nru 1318/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) emenda r-Regolament (KE) Nru 1217/2009 sabiex ikun allinjat mal-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tal-qafas ġuridiku ġdid li rriżulta minn dak l-allinjament, għandhom jiġu adottati ċerti regoli permezz ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni. Ir-regoli eżistenti, stabbiliti mill-Kummissjoni biex jimplimentaw ir-Regolament (KE) Nru 1217/2009, għandhom jiġu sostitwiti bir-regoli l-ġodda. Għaldaqstant, jixraq li jitħassru r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 283/2012 ([3]) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 730/2013 ([4]).

(2) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti l-limiti tad-daqs ekonomiku, bi qbil mal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009. Dawn il-limiti jridu jkunu jvarjaw skont l-Istat Membru, u f'ċerti każijiet, anki skont it-taqsima tan-Netwerk tad-Dejta tal-Kontabilità Agrikola (FADN), biex jitqiesu l-istrutturi agrikoli diversi tagħhom.

([1]) ĠU L 328, 15.12.2009, p. 27.

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1318/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 li jistabbilixxi netwerk għall-ġbir ta' informazzjoni tal-kontabbiltà dwar id-dħul u l-operazzjoni kummerċjali ta' azjendi agrikoli fil-Komunità Ewropea (ĠU L 340, 17.12.2013, p. 1).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 283/2012 tad-29 ta' Marzu 2012 li jiffissa l-ħlas standard għal kull prospett tal-biedja għas-sena tal-kontabbiltà 2012 tan-netwerk tad-dejta tal-kontabbiltà agrikola (ĠU L 92, 30.3.2012, p. 15).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 730/2013 tad-29 ta' Lulju 2013 dwar regoli dettaljati ta' implimentazzjoni dwar iż-żamma ta' kontijiet biex ikun determinat id-dħul ta' azjendi agrikoli (ĠU L 203, 30.7.2013, p. 6).

▼B

(3) L-Artikolu 5*a* tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 jistipula li d-dejta għandha tinġabar fuq pjan għall-għażla ta' azjendi prospettanti (pjan tal-għażla). Għall-pjan tal-għażla, il-qasam ta' stħarriġ għandu jkun stratifikat skont it-taqsimiet tal-FADN elenkati fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 u skont it-tip ta' biedja u d-daqs ekonomiku.

(4) Biex ikun hemm kampjun rappreżentattiv tal-azjendi prospettanti għall-qasam ta' stħarriġ stratifikat, għandu jiġi stabbilit l-għadd ta' azjendi prospettanti għal kull Stat Membru u għal kull taqsima tal-FADN.

(5) Il-pjan tal-għażla għandu jitfassal qabel ma tibda s-sena korrispondenti tal-kontabbiltà biex il-Kummissjoni tkun tista' tivverifika l-kontenut tiegħu qabel ma jintuża biex jintgħażlu l-azjendi prospettanti.

(6) Biex jinkisbu l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 5*b* tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 li japplikaw għall-FADN, għandhom jiġu stabbiliti r-regoli ta' implimentazzjoni għat-tipoloġija tal-Unjoni.

(7) It-tip ta' biedja u d-daqs ekonomiku tal-azjenda għandhom jiġu ddeterminati abbażi ta' kriterju ekonomiku. Jixraq li tintuża l-produzzjoni standard imsemmija fl-Artikolu 5*b* (2) tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 għal dan l-għan. Din il-produzzjoni standard trid tkun stabbilita skont il-prodotti u tkun taqbel mal-lista ta' karatteristiki tal-istħarriġ dwar l-istruttura tal-biedja stabbiliti fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1166/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]). F'dan ir-rigward għandha tiġi stabbilita korrispondenza bejn il-karatteristiki tal-istħarriġ dwar l-istruttura u l-intestaturi tal-prospetti tal-biedja tal-FADN.

(8) Minħabba l-importanza dejjem tiżdied għad-dħul tal-bdiewa ta' attivitajiet oħrajn ta' qligħ li huma relatati direttament mal-azjenda, minbarra l-attivitajiet agrikoli tal-azjenda, fit-tipoloġija tal-Unjoni trid tiġi inkluża varjabbli ta' klassifikazzjoni li tirrifletti l-importanza ta' attivitajiet oħrajn ta' qligħ (OGA) li huma relatati direttament mal-azjenda.

(9) Jeħtieġ ukoll li jiġu stabbiliti ċerti regoli biex jintbagħtu l-produzzjoni standard u d-dejta lill-Kummissjoni meħtieġa għall-kalkolu tagħhom.

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 1166/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar stħarriġ ta' strutturi tal-impriżi agrikoli u stħarriġ dwar metodi ta' produzzjoni agrikola u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 571/88 (ĠU L 321, 1.12.2008, p. 14).

▼B

(10) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1198/2014 ([1]) jiddetermina l-gruppi ewlenin tad-dejta tal-kontabbiltà msemmija fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 u jistabbilixxi r-regoli ġenerali għall-ġbir ta' din id-dejta. It-tip, id-definizzjoni u l-preżentazzjoni tad-dejta tal-kontabbiltà miġbura permezz tal-prospett tal-biedja kkompilata bil-għan li jiġu ddeterminati b'mod affidabbli l-introjti tal-azjendi agrikoli għandhom ikunu uniformi, ikunu liema jkunu l-azjendi prospettanti li jiġu mistħarrġa. Għalhekk jeħtieġ li jiġu stabbiliti l-forma u t-tfassil tal-prospett tal-biedja u l-metodi u l-iskadenzi għall-preżentazzjoni tad-dejta lill-Kummissjoni. Id-dejta miġbura permezz tal-prospett tal-biedja għandha tqis ukoll ir-riforma tal-2013 tal-politika agrikola komuni

(11) Il-prospetti tal-biedja mimlija jridu jintbagħtu lill-Kummissjoni mill-aġenzija ta' kollegament maħtura minn kull Stat Membru skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 biex tkun żgurata l-ġestjoni uniformi u f'waqtha tad-dejta tal-kontabbiltà mwassla. Il-proċess tat-twassil tad-dejta tal-kontabbiltà lill-Kummissjoni jrid ikun prattiku u sikur. Għaldaqstant irid ikun hemm arranġament biex l-aġenzija ta' kollegament ikkonċernata tibgħat l-informazzjoni direttament lill-Kummissjoni permezz tas-sistema komputerizzata stabbilita mill-Kummissjoni għall-għanijiet ta' dak ir-Regolament kif ukoll għal aktar modalitajiet f'dan ir-rigward. Jixraq li l-limiti taż-żmien għall-preżentazzjoni ta' din id-dejta lill-Kummissjoni jqisu r-rekord imgħoddi tal-Istati Membri fit-twassil ta' din id-dejta.

(12) Kull prospett tal-biedja li jasal għand il-Kummissjoni jrid ikun imtela biex ikun eliġibbli għall-ħlas tal-miżata standard.

(13) Il-limitu għal kull Stat Membru tat-total ta' prospetti tal-biedja mimlijin li jkunu eliġibbli għall-finanzjament mill-Unjoni huwa stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1217/2009. Għandha titħalla flessibbiltà fl-għadd ta' azjendi prospettanti f'kull taqsima tal-FADN, dejjem jekk l-għadd totali ta' azjendi prospettanti tal-Istat Membru kkonċernat jinżamm kif stipulat fir-Regolament (KE) Nru 1217/2009.

(14) L-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 jistipula li l-approprjazzjonijet li għandhom jiddaħħlu fil-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea fit-taqsima tal-Kummissjoni, iridu jkopru l-ammont totali tal-miżata standard li trid titħallas lill-Istati Membri li jippreżentaw il-prospetti tal-biedja mimlija lill-Kummissjoni fil-limitu taż-żmien stipulat. L-għadd ta' prospetti tal-biedja mimlija li fuqhom titħallas il-miżata standard ma għandux jaqbeż l-għadd massimu ta' azjendi prospettanti.

([1]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1198/2014 tal-1 ta' Awwissu 2014 li jissupplementa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 li jistabbilixxi netwerk għall-ġbir ta' informazzjoni tal-kontabbiltà dwar id-dħul u l-operazzjoni kummerċjali ta' azjendi agrikoli fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 321, 7.11.2014, p. 2)

▼B

(15) Biex ikomplu jittejbu l-proċessi tal-ġestjoni tad-dejta li tinsab fil-prospetti, għandha titħallas miżata standard miżjuda lill-Istati Membri li jippreżentaw il-prospetti tal-biedja mimlija qabel l-iskadenza taż-żmien li għandha tiġi ffissata għall-preżentazzjoni tal-prospetti tal-biedja.

(16) Billi l-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament għandhom japplikaw mis-sena ta' kontabbiltà 2015, dan ir-Regolament għandu jibda japplika minn dik is-sena ta' kontabbiltà.

(17) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat għan-Netwerk tad-Dejta dwar il-Kontabbiltà Agrikola,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU 1

IL-QASAM TA' STĦARRIĠ U L-PJAN TAL-GĦAŻLA

Artikolu 1

Il-limitu tad-daqs ekonomiku

Il-limiti tad-daqs ekonomiku msemmi fl-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 huma stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

L-għadd ta' azjendi prospettanti

L-għadd ta' azjendi prospettanti għal kull Stat Membru u għal kull taqsima tan-netwerk tad-dejta tal-kontabbiltà (FADN) kif imsemmi fl-Artikolu 5*a* (2) tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 huwa stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Il-pjan tal-għażla

1. Il-mudelli u l-metodi tal-forma u l-kontenut tad-dejta msemmija fl-Artikolu 5*a* (4) tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 huwa stabbilit fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

2. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'mezz elettroniku, mhux aktar tard minn xahrejn qabel il-bidu tas-sena ta' kontabbiltà li magħha huwa marbut il-pjan tal-għażla, b'dan il-pjan imsemmi fl-Artikolu 5*a* (1) tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 li jkun ġie approvat mill-Kumitat Nazzjonali msemmi fl-Artikolu 6(2) ta' dak ir-Regolament.

▼M1

Il-Finlandja u l-Kroazja jistgħu jirrevedu l-pjanijiet tal-għażla rispettivi li nnotifikaw għas-sena fiskali 2016. Sal-31 ta' Marzu 2016, għandhom javżaw lill-Kummissjoni bil-pjanijiet tal-għażla rispettivi tagħhom għal dik is-sena fiskali.

▼B

KAPITOLU 2

IT-TIPOLOĠIJA TAL-UNJONI GĦALL-AZJENDI AGRIKOLI

Artikolu 4

Tipi partikolari ta' speċjalizzazzjoni tal-biedja.

Il-metodi għall-kalkolu ta' tipi partikolari ta' speċjalizzazzjoni tal-biedja, kif imsemmijin fl-Artikolu 5*b* (3) tar-Regolament (KE Nru 1217/2009 u l-korrispondenza ma' tipi ta' biedja ġenerali u ewlenin kif imsemmija f'dak l-Artikolu huma stabbiliti fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 5

Id-daqs ekonomiku tal-azjenda

Il-metodu biex jiġi kkalkulat id-daqs ekonomiku ta' azjenda, imsemmi fl-Artikolu 5*b* (4) tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 u l-klassifiki tad-daqs ekonomiku msemmija fl-Artikolu 5*b* (1) ta' dak ir-Regolament huma stabbiliti fl-Anness V ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 6

Il-produzzjoni standard u l-produzzjoni totali standard

1. Il-metodu tal-kalkolu biex jiġu ddeterminati l-produzzjonijiet standard ta' kull karatteristika kif imsemmi fl-Artikolu 5*b* (2) tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009, u l-proċeduri tal-ġbir tad-dejta korrispondenti huma stabbiliti fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament.

Il-produzzjoni standard tal-karatteristiki differenti ta' azjenda kif imsemmi fl-Artikolu 5*b* (2) tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 għandhom jiġu deċiżi għal kull unità ġeografika msemmija fil-punt 2(b) tal-Anness VI ta' dan ir-Regolament u għal kull karatteristika tal-irjus tar-raba' u tal-bhejjem tal-istħarriġ dwar l-istruttura tal-biedja elenkati fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1166/2008.

2. Il-produzzjoni standard ta' azjenda tinsab billi jiġu mmultiplikati l-produzzjonijiet standard ta' kull karatteristika tal-uċuħ tar-raba' u tal-bhejjem bl-għadd ta' unitajiet korrispondenti.

▼B

Artikolu 7

Attivitajiet oħra ta' qligħ relatati direttament mal-azjenda

L-attivitajiet l-oħrajn ta' qligħ li huma direttament marbutin mal-azjenda, kif imsemmi fl-Artikolu 5*b* (5) tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009, huma ddefiniti fil-Parti A tal-Anness VII ta' dan ir-Regolament. L-importanza ta' dawn għandha tiġi espressa bħala firxa ta' perċentwali. Dawk il-firxiet tal-perċentwali huma stabbiliti fil-Parti C tal-Anness VII ta' dan ir-Regolament.

Il-metodu ta' kif tiġi stmata l-importanza tal-attivitajiet ta' qligħ imsemmijin fl-ewwel paragrafu huwa stabbilit fil-Partijiet B u C tal-Anness VII ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 8

In-notifikazzjoni tal-produzzjonijiet standard u d-dejta biex dawn jiġu ddeterminati

1. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw il-produzzjonijiet standard u d-dejta għad-determinazzjoni tagħhom lill-Kummissjoni (Eurostat) kif imsemmi fl-Artikolu 5*b* (6) tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 għal perjodu ta' referenza tas-sena N qabel il-31 ta' Diċembru tas-sena N+3.

2. Biex jippreżentaw id-dejta msemmija fil-paragrafu 1 l-Istati Membri għandhom jużaw is-sistemi komputerizzati li poġġiet għad-dispożizzjoni tagħhom il-Kummissjoni (Eurostat) għal dak l-għan.

KAPITOLU 3

IL-PREŻENTAZZJONI TAL-PROSPETTI TAL-BIEDJA U TAD-DEJTA LILL-KUMMISSJONI

Artikolu 9

Il-forma u t-taqsim tal-prospett tal-biedja

Il-forma u t-taqsim għall-preżentazzjoni tad-dejta tal-kontabbiltà msemmija fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009, kif ukoll l-istruzzjonijiet marbuta magħhom huma stabbiliti fl-Anness VIII ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 10

Il-metodi u l-iskadenzi għall-preżentazzjoni tad-dejta lill-Kummissjoni

1. Il-prospetti tal-biedja għandhom jitressqu lill-Kummissjoni mill-aġenzija ta' kollegament imsemmija fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru1217/2009 permezz ta' sistema ta' twassil u kontroll komputerizzata, kif imsemmija fl-Artikolu 19(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009. L-informazzjoni meħtieġa għandha tinbagħat elettronikament abbażi tal-mudelli disponibbli għall-aġenzija ta' kollegament permezz ta' dik is-sistema.

▼B

2. L-Istati Membri għandhom ikunu infurmati dwar il-kundizzjonijiet ġenerali għall-implimentazzjoni tas-sistema komputerizzata msemmija fil-paragrafu 1 permezz tal-Kumitat għan-Netwerk tad-Dejta dwar il-Kontabbiltà Agrikola.

3. Il-prospetti tal-biedja għandhom jitressqu lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru wara t-tmiem tas-sena ta' kontabbiltà inkwistjoni.

L-Istati Membri li ma setgħux jippreżentaw id-dejta tal-prospetti tal-biedja tal-2012 fil-limitu taż-żmien stabbilit fl-ewwel sottoparagrafu, jistgħu jressqu l-prospetti tal-biedja sa tliet xhur wara l-iskadenza msemmija fl-ewwel sottoparagrafu.

4. Il-prospetti tal-biedja jitqiesu li jkunu twasslu għand il-Kummissjoni ladarba d-dejta tal-kontabbiltà msemmija fl-Artikolu 9 tkun iddaħħlet fis-sistema ta' twassil u kontroll imsemmija fil-paragrafu 1, ladarba jkunu twettqu l-kontrolli komputerizzati sussegwenti, u ladarba l-aġenzija ta' kollegament tkun ikkonfermat li d-dejta hija lesta biex tiddaħħal f'dik is-sistema.

KAPITOLU 4

IL-MIŻATA STANDARD

Artikolu 11

Il-prospetti tal-biedja debitament mimlija

Għall-għanijiet tal-Artikolu 19(1)a tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009, prospett tal-biedja jkun mtela debitament meta l-kontenut tiegħu jkun preċiż fil-fatti u d-dejta tal-kontabbiltà li jkun fih tkun irreġistrata u ppreżentata skont il-forma u t-taqsim stabbiliti fl-Anness VIII ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 12

L-għadd ta' prospetti tal-biedja eliġibbli

L-għadd totali ta' prospetti tal-biedja mimlijin kif suppost u ppreżentati għal kull Stat Membru, kif imsemmi fl-Artikolu 5*a* (2) tar-Regolament (KE) 1217/2009, li huma eliġibbli għall-pagament tal-miżata standard ma għandux jaqbeż l-għadd totali tal-azjendi prospettanti stabbilit għal dak l-Istat Membru fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Meta Stat Membru jkollu aktar minn taqsima waħda tal-FADN, l-għadd ta' prospetti tal-biedja mimlija u mibgħuta kif għandu jkun li huma eliġibbli għall-miżata standard għal kull taqsima tal-FADN jista' jkun sa 20 % ogħla mill-għadd stabbilit għat-taqsima tal-FADN ikkonċernata, sakemm dak l-għadd totali ta' prospetti tal-biedja mimlija u mibgħuta kif għandu jkun tal-Istat Membru kkonċernat ma jkunx ogħla mill-għadd totali stabbilit għal dak l-Istat Membru fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

▼B

Artikolu 13

Il-ħlas tal-miżata standard

L-ammont totali tal-miżata standard imsemmija fl-Artikolu 19(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 għandu jsir f'darbtejn:

(a) għandu jsir pagament ta' 50 % tal-ammont totali kkalkulat abbażi tal-ammont stabbilit fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 14 ta' dan ir-Regolament fil-bidu ta' kull sena ta' kontabbiltà għall-għadd ta' azjendi prospettanti stipulat fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

(b) l-ammont li jifdal għandu jitħallas wara li jkun ġie vverifikat mill-Kummissjoni li l-prospetti tal-biedja ppreżentati huma mimlijin kif suppost.

L-ammont li jifdal, imsemmi fil-punt (b) tal-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu għandu jiġi kkalkulat billi tiġi mmultiplikata l-miżata standard għal kull prospett tal-biedja, ikkalkulata abbażi tal-Artikolu 14 ta' dan ir-Regolament, bl-għadd ta' prospetti tal-biedja mimlija li jkunu eliġibbli skont l-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament u billi jitnaqqas il-pagament imsemmi fil-punt (a) tal-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 14

L-ammont tal-miżata standard

Il-miżata standard imsemmija fl-Artikolu 19(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 għandha tiġi stabbilita għal EUR 160 għal kull prospett tal-biedja.

Jekk il-limitu ta' 80 % msemmi fl-Artikolu 19(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 ma jinkisibx, la fil-livell ta' taqsima tal-FADN u lanqas fil-livell tal-Istat Membru kkonċernat, it-tnaqqis imsemmi f'dik id-dispożizzjoni għandu jkun applikat fil-livell nazzjonali biss.

Jekk l-Istat Membru jippreżenta d-dejta tal-kontabbiltà msemmija fl-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament mhux aktar tard minn xahar wieħed qabel l-iskadenzi rilevanti msemmija fl-Artikolu 10(3), il-miżata standard tiżdied b' EUR 5 sakemm ma jkunx intlaħaq il-limitu ta' 80 % msemmi fl-Artikolu 19(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 rigward taqsima tal-FADN jew ta' Stat Membru.

KAPITOLU 5

DISPOŻIZZJONIJIET TRANSIZZJONALI U FINALI

Artikolu 15

Revoki

Ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 283/2012 u Nru 730/2013 huma rrevokati b'effett mill-1 ta' Jannar 2015.

Madankollu għandhom jibqgħu japplikaw għas-snin ta' kontabbiltà ta' qabel is-sena ta' kontabbiltà 2015.

▼B

Artikolu 16

Id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda japplika mis-sena tal-kontabbiltà 2015.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

IL-LIMITU TAD-DAQS EKONOMIKU GĦALL-QASAM TAL-ISTĦARRIĠ (ARTIKOLU 1)

Stat Membru/Taqsima tal-FADN	Limitu (f'EUR)
Il-Belġju	25 000
Il-Bulgarija	2 000
Ir-Repubblika Ċeka	8 000
Id-Danimarka	15 000
Il-Ġermanja	25 000
L-Estonja	4 000
L-Irlanda	8 000
Il-Greċja	4 000
Spanja	8 000
Franza (minbarra l-Martinique, ir-Reunion u Guadeloupe)	25 000
Franza (il-Martinique, ir-Reunion u Guadeloupe biss)	15 000
Il-Kroazja	4 000
L-Italja	8 000
Ċipru	4 000
Il-Latvja	4 000
Il-Litwanja	4 000
Lussemburgu	25 000
L-Ungerija	4 000
Malta	4 000
Il-Pajjiżi l-Baxxi	25 000
L-Awstrija	8 000
Il-Polonja	4 000
Il-Portugall	4 000
Ir-Rumanija	2 000
Is-Slovenja	4 000
Is-Slovakkja	25 000
Il-Finlandja	8 000
L-Iżvezja	15 000
Ir-Renju Unit (bl-eċċezzjoni tal-Irlanda ta' Fuq)	25 000
Ir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq biss):	15 000

▼B

ANNESS II

L-GĦADD TA' AZJENDI PROSPETTANTI (ARTIKOLU 2)

In-numru ta' referenza	Isem it-taqsima tal-FADN	L-għadd ta' azjendi prospettanti għal kull sena tal-kontabbiltà
	IL-BELĠJU	
341	Fjandri	720
342	Bruxelles-Brussel	—
343	Vallonja	480
	It-total tal-Belġju	1 200
	BULGARIJA	
831	Il-Majjistral, (Severozapaden)	346
832	It-Tramuntana Ċentrali, (Severen tsentralen)	358
833	Il-Grigal, (Severoiztochen)	373
834	Il-Lbiċ, (Yugozapaden)	335
835	In-Nofsinhar Ċentrali, (Yuzhen tsentralen)	394
836	Ix-Xlokk, (Yugoiztochen)	396
	Total għall-Bulgarija	2 202
745	IR-REPUBBLIKA ĊEKA	1 417
370	ID-DANIMARKA	2 150
	IL-ĠERMANJA	
010	Schleswig-Holstein	565
020	Ħamburg	97
030	Is-Sassonja t'Isfel	1 307
040	Bremen	—
050	Nordrhein-Westfalen	1 010
060	Hessen	558
070	Rheinland-Palatinat	887
080	Baden-Württemberg	1 190
090	Il-Bavarja	1 678
100	Saarland	90
110	Berlin	—
112	Brandenburg	284

▼B

In-numru ta' referenza	Isem it-taqsima tal-FADN	L-ghadd ta' azjendi prospettanti għal kull sena tal-kontabbiltà
113	Mecklenburg-Vorpommern	268
114	Is-Sassonja	313
115	Is-Sassonja Anħalt:	270
116	Thüringen	283
	It-total tal-Ġermanja	8 800
755	L-ESTONJA	658
380	L-IRLANDA	900
	IL-GREĊJA	
450	Il-Maċedonja-it-Traċja	2 000
460	Epiru-il-Peloponneże-il-Gżejjer Jonji	1 350
470	Thessalija	700
480	Il-Greċja Kontinentali, il-Gżejjer Aegean, Kreta	1 450
	It-total tal-Greċja	5 500
	SPANJA	
500	Il-Galizja	450
505	L-Asturji	190
510	Il-Kantabrija	150
515	Il-Pajjiż Bask	352
520	Navarra	316
525	La Rioja	244
530	Aragona	676
535	Il-Katalonja	664
540	Il-Gżejjer Baleariċi	180
545	Kastilja u León	950
550	Madrid ċ.	190
555	Kastilja-La Mancha	900
560	Il-Komunità Awtonoma ta' Valenzja	638
565	Murcia	348
570	L-Estremadura	718
575	L-Andalusija	1 504

▼B

In-numru ta' referenza	Isem it-taqsima tal-FADN	L-ghadd ta' azjendi prospettanti ghal kull sena tal-kontabbiltà
580	Il-Gżejjer Kanarji	230
	It-total ta' Spanja	8 700
	FRANZA	
121	Île-de-France	190
131	Champagne-Ardenne	370
132	Picardie	270
133	In-Normandija ta' Fuq	170
134	Ċentru	410
135	In-Normandija t'Isfel	240
136	Bourgogne	340
141	Nord Pas de Calais	280
151	Lorraine	230
152	Alsace	200
153	Franche-Comté	210
162	Il-Pajjiżi tal-Loire	460
163	Il-Bretanja	480
164	Poitou-Charentes	360
182	Aquitaine	550
183	Il-Midi-Pyrénées	480
184	Limousin	220
192	Ir-Rhône-Alpes	480
193	Alvernja	360
201	Languedoc- Roussillon	430
203	Provence-Alpes-Côte d'Azur	420
204	Korsika	170
205	Il-Gwadelup	80
206	Il-Martinique	80
207	La Réunion	160

▼B

In-numru ta' referenza	Isem it-taqsima tal-FADN	L-ghadd ta' azjendi prospettanti ghal kull sena tal-kontabbiltà
	It-total ta' Franza	7 640
▼M1		
	IL-KROAZJA	
861	Jadranska Hrvatska	329
862	Kontinentalna Hrvatska	922
	It-total tal-Kroazja	1 251
▼B		
	L-ITALJA	
221	Il-Valle d'Aosta	170
222	Piemonte	594
230	Il-Lombardija	717
241	Trentino	282
242	Alto Adige	338
243	Il-Veneto	707
244	Il-Friuli-Venezia Giulia	451
250	Il-Ligurja	431
260	L-Emilja-Romanja	873
270	It-Toskana	577
281	Il-Marke	452
282	L-Umbrija	460
291	Il-Lazjo	587
292	L-Abruzzo	572
301	Il-Moliże	342
302	Il-Kampanja	667
303	Il-Kalabrija	510
311	Pulja	723
312	Il-Basilikata	400
320	Sqallija	706
330	Sardenja	547

▼B

In-numru ta' referenza	Isem it-taqsima tal-FADN	L-ghadd ta' azjendi prospettanti għal kull sena tal-kontabbiltà
	It-total tal-Italja	11 106
740	ĊIPRU	500
770	IL-LATVJA	1 000
775	IL-LITWANJA	1 000
350	IL-LUSSEMBURGU	450
	L-UNGERIJA	
767	Il-Pjanura l-Kbira	1 016
768	It-Transdanubju	675
764	L-Ungerija tat-Tramuntana	209
	It-total tal-Ungerija	1 900
780	MALTA	536
360	IL-PAJJIŻI L-BAXXI	1 500
660	L-AWSTRIJA	2 000
	IL-POLONJA	
785	Pomorze i Mazury	1 860
790	Wielkopolska i Śląsk	4 350
795	Mazowsze i Podlasie	4 490
800	Małopolska i Pogórze	1 400
	It-total tal-Polonja	12 100
	IL-PORTUGALL	
615	It-Tramuntana u ċ-Ċentru	1 233
630	Ir-Ribatejo u l-Punent	351
640	L-Alentejo u l-Algarve	399
650	L-Ażores u l-Madejra	317
	It-otal għall-Portugall	2 300
	IR-RUMANIJA	
840	Il-Grigal	852
841	Ix-Xlokk	1 074
842	In-Nofsinhar ta' Muntenja	1 008
843	Il-Lbiċ ta' Oltenja	611
844	il-Punent	703

▼B

In-numru ta' referenza	Isem it-taqsima tal-FADN	L-għadd ta' azjendi prospettanti għal kull sena tal-kontabbiltà
845	Il-Majjistral	825
846	Iċ-Ċentru	834
847	Bukarest-Ilfov	93
	It-total tar-Rumanija	6 000
820	IS-SLOVENJA	908
810	IS-SLOVAKKJA	562

▼M1

	IL-FINLANDJA	
670	Etelä-Suomi	403
680	Sisä-Suomi	229
690	Pohjanmaa	208
700	Pohjois-Suomi	110
	It-total tal-Finlandja	950

▼B

	L-ISVEZJA	
710	Slättbyggdslän	637
720	Skogs- och mellanbygdslän	258
730	Län i norra Sverige	130
	Total għall-Iżvezja	1 025
	IR-RENJU UNIT	
411	l-Ingilterra — ir-Reġjun ta' Fuq	420
412	l-Ingilterra — ir-Reġjun tal-Lvant	650
413	l-Ingilterra — ir-Reġjun tal-Punent	430
421	Wales	300
431	L-Iskozja	380
441	L-Irlanda ta' Fuq	320
	Total għar-Renju Unit	2 500

▼B

ANNESS III

IL-MUDELLI U L-METODI GĦAT-THEJJIJA TAL-PJAN TAL-GĦAŻLA (L-ARTIKOLU 3(1))

Id-dejta msemmija fl-Artikolu 5a(4) tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 għandha titwassal lill-Kummissjoni fil-format li ġej:

A. SKEDA INFORMATTIVA

1.	Informazzjoni ġenerali
1.1.	Sena fiskali
1.2.	Stat Membru
1.3.	Isem l-aġenzija ta' kollegament
1.4.	L-aġenzija ta' kollegament tagħmel parti mill-amministrazzjoni pubblika (iva/le)?

2.	Il-bażi tal-pjan tal-għażla
2.1.	Is-sors tal-popolazzjoni totali ta' azjendi
2.2.	Is-sena li ntużat għall-popolazzjoni ta' azjendi
2.3.	Sena tal-produzzjoni standard
2.4.	Definizzjoni tal-qasam ta' stħarriġ

3.	Il-proċeduri għall-istratifikazzjoni tal-qasam ta' stħarriġ
3.1.	Raggruppament skont it-tip ta' azjenda
3.2.	Raggruppament skont id-daqs tal-azjendi
3.3.	Kriterju nazzjonali addizzjonali li ntuża għall-istratifikazzjoni tal-qasam ta' stħarriġ
3.3.1.	Intuża xi kriterju ta' stratifikazzjoni ieħor?
3.3.2.	Il-kriterju nazzjonali addizzjonali ntuża fl-għażla nazzjonali tal-kampjun?
3.3.3.	Il-kriterju nazzjonali addizzjonali ntuża fil-ponderazzjoni nazzjonali tad-dejta tal-popolazzjoni?
3.3.4.	Il-kriterju nazzjonali addizzjonali ntuża għall-għażla tal-azjendi prospettanti għall-FADN tal-UE?
3.3.5.	Jekk dan jintuża għall-għażla tal-UE, spjega għaliex saret din l-għażla filwaqt li tagħti d-dettalji ta' kif dan jaffettwa r-rappreżentanza tal-qasam ta' stħarriġ tal-FADN tal-UE.
3.4.	Regoli tar-raggruppar
3.5.	X'ikopri l-kampjun

▼B

4. Il-metodi biex ġiet iddeterminata r-rata tal-għażla u d-daqs tal-kampjun li ntgħażel għal kull saff

— *Allokazzjoni proporzjonali*

— *Allokazzjoni ottimu*

— *Allokazzjonijiet proporzjonali u ottimi flimkien*

— *Metodu ieħor*

5. Il-proċeduri għall-għażla tal-azjendi prospettanti

— *Għażla aleatorja*

— *Għażla mhux aleatorja*

— *Għażliet aleatorji u mhux aleatorji flimkien*

— *Metodu ieħor*

6. Il-proċeduri għal possibiltà li aktar tard ikun aġġornat il-pjan tal-għażla

7. Il-perjodu probabbli tal-validità tal-pjan tal-għażla

8. Id-diżaggregazzjoni tal-azjendi fil-qasam ta' stħarriġ, ikklassifikati skont it-tipoloġija tal-Unjoni għall-azjendi agrikoli (li tikkorrispondi għallinqas mat-tipi ewlenin)

9. L-għadd ta' azjendi prospettanti li għandhom jintgħażlu għal kull saff adottat.

10. Informazzjoni addizzjonali li ma ddaħħlitx fil-punti ta' qabel

11. Il-pjan tal-għażla ġie approvat fil-kumitat nazzjonali, data

B. TABELLI TAL-PJANIJIET TAL-GĦAŻLA

Id-dettalji dwar il-popolazzjoni ta' referenza u dwar il-kampjun imfassal għas-sena ta' kontabbiltà relatata għandhom jingħataw abbażi tal-mudelli tat-tabelli li ġejjin, li huma parti integrali tad-dokumentazzjoni tal-pjan tal-għażla.

Tabella 1 Regoli tar-raggruppar applikati għall-għażla tal-kampjun tal-biedja għall-FADN tal-UE

Struttura tat-tabella

Numru tal-kolonna	Deskrizzjoni tal-kolonna
1	Kodiċi tat-taqsima tal-FADN (ara l-Anness II)
2	Raggruppamenti ta' tipi ta' biedja (ara l-Anness IV)
3	Raggruppamenti tal-klassifiki tad-daqs ekonomiku (ara l-Anness V)

▼B

Tabella 2 Kopertura tal-kampjun

Struttura tat-tabella

Numru tal-kolonna	Deskrizzjoni tal-kolonna
1	Klassifiki tad-daqs ekonomiku (kif stabbilit fl-Anness V)
2	Il-limiti l-aktar baxxi tal-klassifiki tad-daqs ekonomiku (f'EUR)
3	Il-limiti l-aktar għoljin tal-klassifiki tad-daqs ekonomiku (f'EUR)
4	L-għadd ta' azjendi tal-popolazzjoni rappreżentata
5	Il-perċentwal kumulattiv invers tal-għadd ta' azjendi tal-popolazzjoni rappreżentata
6	L-art agrikola użata (ettari) tal-popolazzjoni rappreżentata
7	Il-perċentwal kumulattiv invers tal-erja agrikola użata rappreżentata
8	Produzzjoni standard totali tal-popolazzjoni rappreżentata
9	Perċentwal kumulattiv invers tat-total tal-produzzjoni standard rappreżentata
10	L-għadd ta' bhejjem individwali tal-popolazzjoni rappreżentata
11	Il-perċentwal kumulattiv invers tal-għadd ta' bhejjem rappreżentati

Tabella 3 Id-distribuzzjoni tal-irziezet fil-popolazzjoni

Struttura tat-tabella

Numru tal-kolonna	Deskrizzjoni tal-kolonna
1	Kodiċi — tip ewlieni ta' biedja
2	Titlu — tip ewlieni ta' biedja
3	Klassifika tad-daqs ekonomiku — 1
4	Klassifika tad-daqs ekonomiku — 2
5	Klassifika tad-daqs ekonomiku — 3
6	Klassifika tad-daqs ekonomiku — 4
7	Klassifika tad-daqs ekonomiku — 5
8	Klassifika tad-daqs ekonomiku — 6
9	Klassifika tad-daqs ekonomiku — 7
10	Klassifika tad-daqs ekonomiku — 8
11	Klassifika tad-daqs ekonomiku — 9
12	Klassifika tad-daqs ekonomiku — 10
13	Klassifika tad-daqs ekonomiku — 11

▼B

Numru tal-kolonna	Deskrizzjoni tal-kolonna
14	Klassifika tad-daqs ekonomiku — 12
15	Klassifika tad-daqs ekonomiku — 13
16	Klassifika tad-daqs ekonomiku — 14
17	Klassifika tad-daqs ekonomiku — total

Tabella 4 Il-pjan għall-għażla

Struttura tat-tabella

Numru tal-kolonna	Deskrizzjoni tal-kolonna
1	Taqsima tal-FADN — kodiċi tal-FADN tal-UE
2	Taqsima tal-FADN — Isem
3	Tip ta' razzett — kodiċi nazzjonali
4	Tip ta' azjenda agrikola — kodiċi tal-FADN tal-UE
5	Klassifika tad-daqs ekonomiku — kodiċi nazzjonali
6	Klassifika tad-daqs ekonomiku — kodiċi tal-FADN tal-UE
7	Klassifika tad-daqs ekonomiku — deskrizzjoni (daqs f'EUR)
8	Għadd ta' azjendi li għandhom jintgħażlu (A)
9	L-għadd ta' azjendi fil-popolazzjoni (B)
10	Piż medju (B)/(A)

▼B

ANNESS IV

TIPI PARTIKOLARI TA' SPEĊJALIZZAZZJONI TAL-BIEDJA U L-KORRISPONDENZA TAGĦHOM MA' TIPI ĠENERALI U EWLENIN TAL-BIEDJA (L-ARTIKOLU 4)

A. TIPI PARTIKOLARI TA' SPEĊJALIZZAZZJONI TAL-BIEDJA

It-tipi partikolari tal-ispeċjalizzazzjonijiet tal-biedja huma ddefiniti minn żewġ karatteristiċi:

(a) In-natura tal-karatteristiċi kkonċernati

Il-karatteristiki jirreferu għal-lista ta' karatteristiki mistħarrġa fl-FSS tal-2016: dawn huma indikati bl-użu tal-kodiċijiet ippreżentati fit-tabella tal-korrispondenza fil-Parti B.I ta' dan l-Anness jew b'kodiċi li jagħmel raggruppament mill-ġdid ta' għadd ta' dawk il-karatteristiki stipulati fil-Parti B.II ta' dan l-Anness ([1]).

(b) Il-kundizzjonijiet li jiddeterminaw il-limiti tal-klassifiki

Jekk ma jkunx indikat mod ieħor, dawn il-kundizzjonijiet jiġu espressi bħala frazzjonijiet tal-produzzjoni standard totali tal-azjenda.

Il-kundizzjonijiet kollha indikati għal tipi partikolari ta' speċjalizzazzjonijiet tal-biedja jridu jintlaħqu b'mod kumulattiv biex l-azjenda tiġi kklassifikata taħt it-tip partikolari ta' ispeċjalizzazzjoni tal-biedja relatata.

([1]) Il-karatteristiċi 2.01.05. (Għeruq li jintużaw bħala għalf u brassiki), 2.01.09. (Xtieli maħsuda ħodor), 2.01.12. (Art mistrieħa), 2.02. (Art għal kultivazzjoni domestika), 2.03.01. (Mergħat u għelieqi tal-ħaxix minbarra bwar mhux ikkoltivati), 2.03.02. (Bwar mhux ikkoltivati), 2.03.03. (Bur permanenti li m'għadux jintuża għal raġunijiet ta' produzzjoni u li huwa eliġibbli għall-pagamenti tas-sussidji), 3.02.01. (Annimali bovini, taħt sena, irġiel u nisa), 3.03.01.99. (nagħaġ oħrajn), 3.03.02.99. (mogħoż oħrajn) u 3.04.01. (Frieħ tal-qżieqeż b'piż ħaj ta' taħt l-20 kg) jintagħżlu biss taħt ċerti kundizzjonijiet (ara l-punt 5 tal-Anness VI).

▼B

Azjendi speċjalizzati — prodotti tal-għelejjel

Tipi ta' biedja (*biex ikunu jistgħu jinqraw aktar faċilment, is-sitt kolonni ta' taħt din l-intestatura ġew riprodotti fil-Parti C ta' dan l-Anness)						Metodi għall-kalkulazzjoni ta' tipi partikolari ta' speċjalizzazzjonijiet tal-biedja			
Ġenerali	Deskrizzjoni	Kapital	Deskrizzjoni	Speċjalizzaz-zjonijiet partikolari	Deskrizzjoni	Deskrizzjoni tal-kalkulazzjoni	Kodiċi tal-karatteristiki u l-kundizzjonijiet (ref. il-Parti B ta' dan l-Anness)		
							Il-kundizzjoni 1 (C1)	Il-kundizzjoni 2 (C2)	Il-kundizzjoni 3 (C3)
1	Uċuħ tar-raba' tal-għelieqi speċjalizzati								
		15	Ċereali, żrieragħ taż-żejt u wċuħ tar-raba' tal-proteini speċjalizzati						
				151	Ċereali (minbarrai r-ross), żrieragħ taż-żejt u wċuħ tar-raba' tal-proteini speċjalizzati	Ċereali, minbarra r-ross, żrieragħ taż-żejt, legumi imnixxfin u wċuħ tar-raba' tal-proteini > 2/3	P1 > 2/3	P15 + P16 + 2.01.02. > 2/3	P151 + P16 + 2.01.02. > 2/3
				152	Ross speċjalizzat	Ross > 2/3	P1 > 2/3	P15 + P16 + 2.01.02. > 2/3	2.01.01.07. > 2/3

Tipi ta' biedja						Metodi għall-kalkulazzjoni ta' tipi partikolari ta' speċjalizzazzjonijiet tal-biedja			
Ġenerali	Deskrizzjoni	Kapital	Deskrizzjoni	Speċjalizzaz-zjonijiet partikolari	Deskrizzjoni	Deskrizzjoni tal-kalkulazzjoni	Kodiċi tal-karatteristiki u l-kundizzjonijiet (ref. il-Parti B ta' dan l-Anness)		
							Il-kundizzjoni 1 (C1)	Il-kundizzjoni 2 (C2)	Il-kundizzjoni 3 (C3)
				153	Ċereali, żrieragħ taż-żejt, uċuħ tar-raba' tal-proteini u ross flimkien	Azjendi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet C1 u C2 minbarra l-azjendi fil-klassifiki 151 u 152	P1 > 2/3	P15 + P16 + 2.01.02. > 2/3	
		16	Uċuħ tar-raba' ġenerali						
				161	Uċuħ tar-raba' tal-għeruq speċjalizzati	Patata, pitravi taz-zokkor u għeruq tal-għalf u brassiki > 2/3	P1 > 2/3	P15 + P16 + 2.01.02. ≤ 2/3	P17 > 2/3
				162	Ċereali, żrieragħ taż-żejt, u wċuħ tar-raba' tal-proteini u tal-għeruq flimkien	Ċereali, żrieragħ taż-żejt, pulses imnixxfin u wċuħ tar-raba' tal-proteini > 1/3; għeruq > 1/3	P1 > 2/3	P15 + P16 + 2.01.02. ≤ 2/3	P15 + P16 + 2.01.02. > 1/3; P17 > 1/3
				163	Ħxejjex tar-raba' speċjalizzati	Ħxejjex friski, bettieħ u frawli fil-miftuħ > 2/3	P1 > 2/3	P15 + P16 + 2.01.02. ≤ 2/3	2.01.07.01.01. > 2/3

Tipi ta' biedja						Metodi għall-kalkulazzjoni ta' tipi partikolari ta' speċjalizzazzjonijiet tal-biedja			
Ġenerali	Deskrizzjoni	Kapital	Deskrizzjoni	Speċjalizzaz-zjonijiet partikolari	Deskrizzjoni	Deskrizzjoni tal-kalkulazzjoni	Kodiċi tal-karatteristiki u l-kundizzjonijiet (ref. il-Parti B ta' dan l-Anness)		
							Il-kundizzjoni 1 (C1)	Il-kundizzjoni 2 (C2)	Il-kundizzjoni 3 (C3)
				164	Tabakk speċjalizzat	Tabakk > 2/3	P1 > 2/3	P15 + P16 + 2.01.02. ≤ 2/3	2.01.06.01. > 2/3
				165	Qoton speċjalizzat	Qoton > 2/3	P1 > 2/3	P15 + P16 + 2.01.02. ≤ 2/3	2.01.06.03. > 2/3
				166	Uċuħ tar-raba' diversi ikkombinat	Azjendi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet C1 u C2 minbarra l-azjendi fil-klassifiki 161, 162, 163, 164 u 165	P1 > 2/3	P15 + P16 + 2.01.02. ≤ 2/3	
2	Ortikultura speċjalizzata								
		21	Ortikultura speċjalizzata ta' ġewwa						
				211	Ħxejjex speċjalizzati ta' ġewwa	Ħxejjex friski, bettieħ u frawli mkabbrin — taħt il-ħġieġ > 2/3	P2 > 2/3	2.01.07.02. + 2.01.08.02. > 2/3	2.01.07.02. > 2/3

Tipi ta' biedja						Metodi għall-kalkulazzjoni ta' tipi partikolari ta' speċjalizzazzjonijiet tal-biedja			
Ġenerali	Deskrizzjoni	Kapital	Deskrizzjoni	Speċjalizzazzjonijiet partikolari	Deskrizzjoni	Deskrizzjoni tal-kalkulazzjoni	Kodiċi tal-karatteristiki u l-kundizzjonijiet (ref. il-Parti B ta' dan l-Anness)		
							Il-kundizzjoni 1 (C1)	Il-kundizzjoni 2 (C2)	Il-kundizzjoni 3 (C3)
		22	Ortikultura speċjalizzata ta' barra	212	Fjuri u pjanti ornamentali speċjalizzati ta' ġewwa	Fjuri u pjanti ornamentali taħt il-ħġieġ > 2/3	P2 > 2/3	2.01.07.02. + 2.01.08.02. > 2/3	2.01.08.02. > 2/3
				213	Ortikultura speċjalizzata mħallta ta' ġewwa	Azjendi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet C1 u C2 minbarra l-azjendi fil-klassifiki 211 u 212	P2 > 2/3	2.01.07.02. + 2.01.08.02. > 2/3	
				221	Ħxejjex speċjalizzati ta' barra	Ħxejjex friski, bettieħ u frawli xogħol ta' tkabbir ta' ħxejjex u frott għall-bejgħ > 2/3	P2 > 2/3	2.01.07.01.02. + 2.01.08.01. > 2/3	2.01.07.01.02. > 2/3
				222	Fjuri u pjanti ornamentali speċjalizzati ta' barra	Fjuri u pjanti ornamentali ta' barra > 2/3	P2 > 2/3	2.01.07.01.02. + 2.01.08.01. > 2/3	2.01.08.01. > 2/3

Tipi ta' biedja						Metodi għall-kalkulazzjoni ta' tipi partikolari ta' speċjalizzazzjonijiet tal-biedja			
Ġenerali	Deskrizzjoni	Kapital	Deskrizzjoni	Speċjalizzaz-zjonijiet partikolari	Deskrizzjoni	Deskrizzjoni tal-kalkulazzjoni	Kodiċi tal-karatteristiki u l-kundizzjonijiet (ref. il-Parti B ta' dan l-Anness)		
							Il-kundizzjoni 1 (C1)	Il-kundizzjoni 2 (C2)	Il-kundizzjoni 3 (C3)
				223	Ortikultura mħallta speċjalizzata ta' barra	Azjendi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet C1 u C2 minbarra l-azjendi fil-klassifiki 221 u 222	P2 > 2/3	2.01.07.01.02. + 2.01.08.01. > 2/3	
		23	Ortikultura oħra						
				231	Faqqiegħ speċjalizzat	Faqqiegħ > 2/3	P2 > 2/3	2.01.07.01.02. + 2.01.08.01. ≤ 2/3; 2.01.07.02. + 2.01.08.02. ≤ 2/3	2.06.01. > 2/3
				232	Mixtliet speċjalizzati	Mixtliet > 2/3	P2 > 2/3	2.01.07.01.02. + 2.01.08.01. ≤ 2/3; 2.01.07.02. + 2.01.08.02. ≤ 2/3	2.04.05. > 2/3
				233	Ortikultura diversa	Azjendi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet C1 u C2 minbarra l-azjendi fil-klassifiki 231 u 232	P2 > 2/3	2.01.07.01.02. + 2.01.08.01. ≤ 2/3; 2.01.07.02. + 2.01.08.02. ≤ 2/3	
3	Uċuħ tar-raba' permanenti speċjalizzati								

Tipi ta' biedja						Metodi għall-kalkulazzjoni ta' tipi partikolari ta' speċjalizzazzjonijiet tal-biedja			
Ġenerali	Deskrizzjoni	Kapital	Deskrizzjoni	Speċjalizzaz-zjonijiet partikolari	Deskrizzjoni	Deskrizzjoni tal-kalkulazzjoni	Kodiċi tal-karatteristiki u l-kundizzjonijiet (ref. il-Parti B ta' dan l-Anness)		
							Il-kundizzjoni 1 (C1)	Il-kundizzjoni 2 (C2)	Il-kundizzjoni 3 (C3)
		35	Dwieli speċjalizzati						
				351	Inbid ta' kwalità speċjalizzat	Dwieli li normalment jipproduċu inbid ta' kwalità > 2/3	P3 > 2/3	2.04.04. > 2/3	2.04.04.01. > 2/3
				352	Inbid speċjalizzat minbarra l-inbid ta' kwalità	Dwieli li normalment jipproduċu inbid ieħor > 2/3	P3 > 2/3	2.04.04. > 2/3	2.04.04.02. > 2/3
				353	Għeneb tal-mejda speċjalizzat	Dwieli li normalment jipproduċu għeneb tal-mejda > 2/3	P3 > 2/3	2.04.04. > 2/3	2.04.04.03. > 2/3
				354	Dwieli oħrajn	Azjendi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet C1 u C2 minbarra l-azjendi fil-klassifiki 351, 352 u 353	P3 > 2/3	2.04.04. > 2/3	
		36	Frott u frott taċ-ċitru speċjalizzati						

▼B

Tipi ta' biedja						Metodi għall-kalkulazzjoni ta' tipi partikolari ta' speċjalizzazzjonijiet tal-biedja			
Ġenerali	Deskrizzjoni	Kapital	Deskrizzjoni	Speċjalizzazzjonijiet partikolari	Deskrizzjoni	Deskrizzjoni tal-kalkulazzjoni	Kodiċi tal-karatteristiki u l-kundizzjonijiet (ref. il-Parti B ta' dan l-Anness)		
							Il-kundizzjoni 1 (C1)	Il-kundizzjoni 2 (C2)	Il-kundizzjoni 3 (C3)
				361	Frott speċjalizzat (għajr ċitru, frott u ġwież tropikali u subtropikali);	Frott ta' żoni klimatiċi moderati u berry > 2/3	P3 > 2/3	2.04.01. + 2.04.02. > 2/3	2.04.01.01.01. + 2.04.01.02. > 2/3
				362	Frott taċ-ċitru speċjalizzat	Frott taċ-ċitru > 2/3	P3 > 2/3	2.04.01. + 2.04.02. > 2/3	2.04.02. > 2/3
				363	Ġewż speċjalizzat	Ġewż > 2/3	P3 > 2/3	2.04.01. + 2.04.02. > 2/3	2.04.01.03. > 2/3
				364	Frott tropikali u subtropikali speċjalizzat	Frott ta' żoni ta' klima sudtropikali > 2/3	P3 > 2/3	2.04.01. + 2.04.02. > 2/3	2.04.01.01.02. > 2/3
				365	Frott speċjalizzat, ċitru, frott tropikali u subtropikali u ġewż: produzzjoni mħallta	Azjendi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet C1 u C2 minbarra l-azjendi fil-klassifiki 361, 362, 363 u 364	P3 > 2/3	2.04.01. + 2.04.02. > 2/3	
		37	Żebbuġ > 2/3						

▼B

Tipi ta' biedja						Metodi għall-kalkulazzjoni ta' tipi partikolari ta' speċjalizzazzjonijiet tal-biedja			
Ġenerali	Deskrizzjoni	Kapital	Deskrizzjoni	Speċjalizzazzjonijiet partikolari	Deskrizzjoni	Deskrizzjoni tal-kalkulazzjoni	Kodiċi tal-karatteristiki u l-kundizzjonijiet (ref. il-Parti B ta' dan l-Anness)		
							Il-kundizzjoni 1 (C1)	Il-kundizzjoni 2 (C2)	Il-kundizzjoni 3 (C3)
				370	Żebbuġ > 2/3	Żebbuġ > 2/3	P3 > 2/3	2.04.03. > 2/3	
		38	Uċuħ tar-raba' permanenti diversi flimkien						
				380	Uċuħ tar-raba' permanenti diversi flimkien	Azjendi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet C1 u C2 minbarra l-azjendi fil-klassifiki 351 sa 370	P3 > 2/3		

Azjendi speċjalizzati — Produzzjoni tal-annimali

Tipi ta' biedja						Metodi għall-kalkulazzjoni ta' tipi partikolari ta' speċjalizzazzjonijiet tal-biedja			
Ġenerali	Deskrizzjoni	Kapital	Deskrizzjoni	Speċjalizzazzjonijiet partikolari	Deskrizzjoni	Deskrizzjoni tal-kalkulazzjoni	Kodiċi tal-karatteristiki u l-kundizzjonijiet (ref. il-Parti B ta' dan l-Anness)		
							Il-kundizzjoni 1 (C1)	Il-kundizzjoni 2 (C2)	Il-kundizzjoni 3 (C3)
4	Bhejjem li jirgħu speċjalizzati								

▼B

Tipi ta' biedja						Metodi għall-kalkulazzjoni ta' tipi partikolari ta' speċjalizzazzjonijiet tal-biedja			
Ġenerali	Deskrizzjoni	Kapital	Deskrizzjoni	Speċjalizzazzjonijiet partikolari	Deskrizzjoni	Deskrizzjoni tal-kalkulazzjoni	Kodiċi tal-karatteristiki u l-kundizzjonijiet (ref. il-Parti B ta' dan l-Anness)		
							Il-kundizzjoni 1 (C1)	Il-kundizzjoni 2 (C2)	Il-kundizzjoni 3 (C3)
		45	Annimali tal-ħalib speċjalizzati						
				450	Annimali tal-ħalib speċjalizzati	Baqar tal-ħalib > 3/4 tat-total tal-bhejjem li jirgħu; bhejjem li jirgħu > 1/10 tal-bhejjem li jirgħu u tal-foraġġ	P4 > 2/3	3.02.06. > 3/4 GL; GL > 1/10 P4	
		46	Bhejjem bovini speċjalizzati — it-trobbija u t-tismin						
				460	Bhejjem bovini speċjalizzati — trobbija u tismin	Il-bhejjem bovini kollha (jiġifieri annimali bovini li għandhom inqas minn sena, bovini li għandhom fuq sena iżda inqas minn sentejn u bovini ta' sentejn u iżjed (barrin, erħat, baqar tal-ħalib u baqar oħrajn)) > 2/3 tal-bhejjem li jirgħu baqar tal-ħalib ≤ 1/10 tal-bhejjem li jirgħu; bhejjem li jirgħu > 1/10 tal-bhejjem li jirgħu u tal-foraġġ	P4 > 2/3	P46 > 2/3 GL; 3.02.06. ≤ 1/10 GL; GL > 1/10 P4	

Tipi ta' biedja						Metodi għall-kalkulazzjoni ta' tipi partikolari ta' speċjalizzazzjonijiet tal-biedja			
Ġenerali	Deskrizzjoni	Kapital	Deskrizzjoni	Speċjalizzazzjonijiet partikolari	Deskrizzjoni	Deskrizzjoni tal-kalkulazzjoni	Kodiċi tal-karatteristiki u l-kundizzjonijiet (ref. il-Parti B ta' dan l-Anness)		
							Il-kundizzjoni 1 (C1)	Il-kundizzjoni 2 (C2)	Il-kundizzjoni 3 (C3)
		47	Bhejjem bovini tal-ħalib— trobbija u tismin flimkien						
				470	Bhejjem bovini — trobbija ta' bhejjem tal-ħalib, trobbija u tismin flimkien	Il-baqar kollha > 2/3 tal-bhejjem li jirgħu; baqar tal-ħalib > 1/10 ta' bhejjem li jirgħu; bħejjem li jirgħu > 1/10 ta' bhejjem li jirgħu u tal-foraġġ esklużi dawk l-azjendi tal-klassi 450	P4 > 2/3	P46 > 2/3 GL; 3.02.06. > 1/10 GL; GL > 1/10 P4; eskluż 450	
		48	Nagħaġ, mogħoż u bhejjem li jirgħu oħra						
				481	Nagħaġ speċjalizzati	Nagħaġ > 2/3 tal-bhejjem li jirgħu; bhejjem li jirgħu > 1/10 tal-bhejjem li jirgħu u tal-foraġġ	P4 > 2/3	Azjendi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet C1 minbarra l-azjendi fil-klassifiki 450, 460 u 470	3.03.01. > 2/3 GL; GL > 1/10 P4
				482	Nagħaġ u bhejjem bovini flimkien	Il-baqar kollha > 1/3 tal-bhejjem li jirgħu, nagħaġ > 1/3 tal-bhejjem li jirgħu u bhejjem li jirgħu > 1/10 tal-bħejjem li jirgħu u tal-għalf	P4 > 2/3	Azjendi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet C1 minbarra l-azjendi fil-klassifiki 450, 460 u 470	P46 > 1/3 GL; 3.03.01. > 1/3 GL; GL > 1/10 P4

Tipi ta' biedja						Metodi għall-kalkulazzjoni ta' tipi partikolari ta' speċjalizzazzjonijiet tal-biedja			
Ġenerali	Deskrizzjoni	Kapital	Deskrizzjoni	Speċjalizzaz-zjonijiet partikolari	Deskrizzjoni	Deskrizzjoni tal-kalkulazzjoni	Kodiċi tal-karatteristiki u l-kundizzjonijiet (ref. il-Parti B ta' dan l-Anness)		
							Il-kundizzjoni 1 (C1)	Il-kundizzjoni 2 (C2)	Il-kundizzjoni 3 (C3)
				483	Mogħoż speċjalizzati	Mogħoż > 2/3 tal-bhejjem li jirgħu; bhejjem li jirgħu > 1/10 tal-bhejjem li jirgħu u tal-foraġġ	P4 > 2/3	Azjendi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet C1 minbarra l-azjendi fil-klassifiki 450, 460 u 470	3.03.02. > 2/3 GL; GL > 1/10 P4
				484	Merħliet li jirgħu diversi	Azjendi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet C1 u C2 minbarra l-azjendi fil-klassifiki 481, 482 u 483	P4 > 2/3	Azjendi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet C1 minbarra l-azjendi fil-klassifiki 450, 460 u 470	
5	Granivori speċjalizzati								
		51	Qżieqeż speċjalizzati						
				511	Trobbija tal-qżieqeż speċjalizzata	Qżieqeż nisa li jnisslu — > 2/3	P5 > 2/3	P51 > 2/3	3.04.02. > 2/3
				512	Simna tal-qżieqeż speċjalizzata	Frieħ tal-qżieqeż u qżieqeż oħrajn> 2/3	P5 > 2/3	P51 > 2/3	3.04.01. + 3.04.99. > 2/3
				513	Trobbija u simna tal-qżieqeż flimkien	Azjendi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet C1 u C2 minbarra l-azjendi fil-klassifiki 511 u 512	P5 > 2/3	P51 > 2/3	

▼B

Tipi ta' biedja						Metodi għall-kalkulazzjoni ta' tipi partikolari ta' speċjalizzazzjonijiet tal-biedja			
160	Żoni li jġarrbu diffikultajiet naturali u diffikultajiet speċifiċi oħrajn	**CL**	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	ACL160C
170	Altitudni	**CL**	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	ACL170C
180	Żona ta' Fondi Strutturali	**CL**	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	ACL180C
190	Żona tan-Natura 2000	**CL**	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	ACL190C
200	Żona li għaliha tapplika d-Direttiva tal-Ilma (2000/60/KE)	**CL**	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	ACL200C
210	Sistema ta' tisqija	**OT**	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	AOT210C
220	Ġranet ta' mergħa minn kull bhima f'imriegħi komuni	**OT**	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	AOT220C

▼B

A.ID. **Identifikazzjoni tal-azjenda**

Meta tintgħażel għall-ewwel darba, kull azjenda tiġi assenjata numru. L-azjenda żżomm dan in-numru b'mod permanenti tul il-perjodu kollu tal-inklużjoni tagħha fin-netwerk tal-kontabbiltà. Ladarba numru jkun ġie assenjat qatt ma jiġi allokat lil azjenda oħra.

Madankollu, fil-każijiet fejn l-azjenda tgħaddi minn bidla fundamentali, u partikolarment meta din il-bidla tkun ir-riżultat ta' sottotaqsima f'żewġ azjendi separati jew ta' fużjoni ma' azjenda oħra, hija tista' titqies bħala azjenda ġdida. F'dan il-każ għandu jiġi assenjat lilha numru ġdid. F'każ ta' bidla fit-tip ta' biedja pprattikata fl-azjenda ma jkunx hemm bżonn ta' numru ġdid. F'każ fejn tista' tinqala' konfużjoni bejn żewġ azjendi prospettanti jekk waħda minnhom iżżomm in-numru tagħha (eż. meta jinħolqu sottotaqsimiett reġjonali ġodda), għandu jinbidel in-numru. F'dawn il-każijiet għandha tintbagħat lill-Kummissjoni tabella li turi l-ekwivalenza tan-numri l-qodma u dawk ġodda.

In-numru tal-azjenda jinkludi tliet gruppi ta' indikazzjonijiet kif ġej:

A.ID.10.R. *Taqsima tal-FADN*: għandu jingħata numru tal-kodiċi li jikkorrispondi mas-sett tal-kodiċijiet fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

A.ID.10.S. *Sottotaqsima*: għandu jingħata numru ta' kodiċi.

Is-sottotaqsimiet li jintgħażlu għandhom ikunu bbażati fuq is-sistema komuni ta' klassifikazzjoni tar-reġjuni, li huma magħrufa bħala n-nomenklatura tal-unitajiet statistiċi territorjali (NUTS) stabbiliti mill-Eurostat b'kooperazzjoni mal-istituti nazzjonali għall-istatistika.

F'kull każ, l-Istat Membru kkonċernat għandu jibgħat tabella lill-Kummissjoni, li tkun turi r-reġjuni NUTS korrispondenti għal kull numru tal-kodiċi tas-sottotaqsimiet li jintuża, kif ukoll ir-reġjun korrispondenti ma' valuri speċifiċi ta' produzzjoni standard li jkunu ġew ikkalkulati.

A.ID.10.H. *Numru tas-sensiela tal-azjenda*.

A.LO. **Post fejn tinsab l-azjenda**

Il-post fejn tinsab l-azjenda jingħata b'żewġ indikazzjonijiet: il-ġeoreferenza (latitudni u lonġitudni) u l-kodiċi tal-unitajiet territorjali tal-livell 3 tan-NUTS.

A.LO.20. *Latitudni*: Lonġitudni gradi u minuti (f'ark ta' 5 minuti jew inqas), kolonni DG u MI.

A.LO.30. *Lonġitudni* Lonġitudni gradi u minuti (f'ark ta' 5 minuti jew inqas), kolonni DG u MI.

A.LO.40.N. Il-kodiċi tan-NUTS3 jfisser il-kodiċi tal-unità territorjali tal-livell NUTS3 fejn tinsab l-azjenda. Għandha tingħata l-aħħar verżjoni tal-kodiċi kif deskritt fir-Regolament (KE) Nru 1059/2003.

A.AI. **Informazzjoni tal-kontabbiltà**

A.AI.50.AO. *Numru tal-uffiċċju tal-kontabilità*: għandu jingħata numru ta' kodiċi.

F'kull Stat Membru għandu jiġi allokat numru uniku lil kull uffiċċju tal-kontabbiltà. Għandu jingħata n-numru tal-uffiċċju tal-kontabbiltà li jkun ħa ħsieb l-azjenda għal dik is-sena ta' kontabbiltà partikolari.

▼B

A.AI.60.C. *Tip ta' kontabbiltà*: għandha tingħata indikazzjoni dwar it-tip ta' kontabbiltà miżmuma mill-azjenda. Għandhom jintużaw in-numri ta' kodiċi li ġejjin:

1. Kontabbiltà b'entrata doppja

2. Kontabbiltà b'entrata unika.

3. Mingħajr restrizzjonijiet.

A.AI.70.DT. *Data tal-għeluq tal-kontijiet*: li trid tinkiteb fil-format "SSSS-XX-JJ", pereżempju 2009-06-30 jew 2009-12-31.

A.TY. **Tipoloġija**

A.TY.80.W. *Piż nazzjonali tal-azjenda*: Għandu jingħata l-valur tal-fattur tal-estrapolazzjoni kkalkolat mill-Istat Membru. Il-valuri għandhom ikunu espressi b'żewġ punti deċimali.

A.TY.90.TF. *Tip ta' biedja fil-ħin tal-għażla*: il-kodiċi tat-tip ta' biedja skont l-Anness IV ta' dan ir-Regolament, fiż-żmien tal-għażla għas-sena ta' kontabilità kkonċernata.

A.TY.90.ES. *Daqs ekonomiku fil-ħin tal-għażla*: il-kodiċi tal-klassifika tad-daqs ekonomiku tal-azjenda skont l-Anness V ta' dan ir-Regolament, fiż-żmien tal-għażla għas-sena ta' kontabilità kkonċernata.

A.CL. **Klassijiet**

A.CL.100.C. *Attivitajiet oħra ta' qligħ b'rabta diretta mal-azjenda*: dawn għandhom jingħataw bħala medda ta' perċentwali li juru s-sehem tad-dħul ([1]) mit-total tad-dħul tal-azjenda agrikola, li jiġi minn attivitajiet oħra ta' qligħ b'rabta diretta mal-azjenda. Għandhom jintużaw in-numri ta' kodiċi li ġejjin:

1. ≥ 0 % sa ≤ 10 % (sehem marġinali)

2. > 10 % sa ≤ 50 % (sehem medju)

3. > 50 % sa ≤ 100 % (sehem sinifikanti)

A.CL.110.C. *Tip ta' sjieda/ għan ekonomiku*: għandha tingħata indikazzjoni dwar is-sjieda u l-għanijiet ekonomiċi tal-azjenda. Għandhom jintużaw in-numri ta' kodiċi li ġejjin:

1. azjenda agrikola tal-familja: l-azjenda tuża x-xogħol u l-kapital tad-detentur/maniġer u l-familja tiegħu/tagħha, u dawn huma l-benefiċjarji tal-attività ekonomika.

2. Sħubija: il-fatturi ta' produzzjoni tal-azjenda qed jiġu pprovduti minn bosta sħab, fejn uħud minnhom jaħdmu fl-azjenda mingħajr ma jitħallsu. Il-benefiċċji jmorru għand is-sħubija.

3. kumpanija bi skop ta' qligħ: il-benefiċċji jintużaw biex jitħallsu l-azzjonisti permezz ta' dividend/profitt. L-azjenda hija proprjetà tal-kumpanija.

4. kumpanija mingħajr skop ta' qligħ: il-benefiċċji jintużaw primarjament biex jinżammu l-impjiegi jew għal objettiv soċjali simili. L-azjenda hija proprjetà tal-kumpanija.

([1]) Ara l-Anness VII ta' dan ir-Regolament.

▼B

A.CL.120.C. *Status legali*: għandha tingħata indikazzjoni dwar jekk l-azjenda hijiex persuna legali jew le. Għandhom jintużaw in-numri ta' kodiċi li ġejjin:

0. Falz.

1. Veru.

A.CL.130.C. *Livell ta' responsabbiltà tad-detentur(i)*: għandha tingħata indikazzjoni dwar il-livell ta' responsabbiltà (responsabbiltà ekonomika) tad-detentur (ewlieni). Għandhom jintużaw in-numri ta' kodiċi li ġejjin:

1. Sħiħ

2. Parzjali

A.CL.140.C. *Biedja organika*: għandha tingħata indikazzjoni dwar jekk l-azjenda tużax metodi ta' produzzjoni organiċi fit-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 ([1]), b'mod speċjali l-Artikoli 4 u 5 tiegħu. Għandhom jintużaw in-numri ta' kodiċi li ġejjin:

1. l-azjenda ma tużax metodi ta' produzzjoni organiċi;

2. l-azjenda tuża l-metodi ta' produzzjoni organiċi biss għall-prodotti kollha tagħha;

3. l-azjenda tuża metodi ta' produzzjoni organiċi flimkien ma' metodi ta' produzzjoni oħrajn;

4. l-azjenda qiegħda taqleb għall-metodi ta' produzzjoni organika.

A.CL.141.C. *Setturi fil-biedja organika*: meta azjenda tuża kemm metodi ta' produzzjoni organiċi kif ukoll metodi ta' produzzjoni oħrajn, għandha tingħata indikazzjoni tas-setturi tal-produzzjoni li fihom tuża biss metodi ta' produzzjoni organiċi (tista' tintgħażel aktar minn waħda). Għandhom jintużaw in-numri ta' kodiċi elenkati hawn taħt. Meta l-azjenda tuża metodi ta' produzzjoni kemm organiċi kif ukoll oħrajn għas-setturi tal-produzzjoni kollha, għandu jintuża l-kodiċi "ma japplikax".

0. mhux applikabbli:

31. ċereali

32. żrieragħ żejtnin u wċuħ li jitkabbru għall-proteini

33. frott u ħaxix (inkluż il-frott taċ-ċitru, iżda mhux iż-żebbuġ)

34. żebbuġ

35. dwieli

36. laħam taċ-ċanga

37. ħalib tal-baqar

38. laħam tal-majjal

39. nagħaġ u mogħoż (ħalib u laħam)

40. laħam tal-pullam

41. bajd

42. settur ieħor

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2092/91 (ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1).

▼B

A.CL.150.C. *"Denominazzjoni Protetta tal-Oriġini" (DPO)/"Indikazzjoni Ġeografika Protetta" (IĠP)/"Speċjalità Tradizzjonali Garantita" (STG)/"biedja tal-muntanji"*: għandha tingħata indikazzjoni dwar jekk l-azjenda tipproduċix prodotti agrikoli u/jew oġġetti tal-ikel imħarsa minn indikazzjonijiet ta' Denominazzjoni Protetta tal-Oriġini (DPO), Indikazzjoni Ġeografika Protetta (IĠP), Speċjalità Tradizzjonali Garantita (STG) jew biedja tal-muntanji, jew dwar tipproduċix prodotti agrikoli li jkun magħruf li jintużaw fil-produzzjoni ta' oġġetti tal-ikel imħarsa minn DPO/IĠP/STG/"biedja tal-muntanji", fit-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]). Għandhom jintużaw in-numri ta' kodiċi li ġejjin:

1. l-azjenda *ma tipproduċi ebda* prodott jew oġġett tal-ikel imħares minn indikazzjonijiet ta' DPO, IĠP, STG jew "biedja tal-muntanji", u lanqas ebda prodott magħruf li jintuża fil-produzzjoni ta' oġġetti tal-ikel imħarsa minn DPO, IĠP, STG jew "biedja tal-muntanji";

2. l-azjenda tipproduċi *biss* prodotti jew oġġetti tal-ikel imħarsa minn indikazzjonijiet ta' DPO, IĠP, STG jew "biedja tal-muntanji", jew prodotti magħrufa li jintużaw fil-produzzjoni ta' oġġetti tal-ikel imħarsa minn DPO, IĠP, STG jew "biedja tal-muntanji";

3. l-azjenda tipproduċi *xi* prodotti jew oġġetti tal-ikel imħarsa minn indikazzjonijiet ta' DPO, IĠP, STG jew "biedja tal-muntanji", jew xi prodotti magħrufa li jintużaw fil-produzzjoni ta' oġġetti tal-ikel imħarsa minn DPO, IĠP, STG jew "biedja tal-muntanji".

A.CL.151.C. *Setturi b'Denominazzjoni Protetta tal-Oriġini/b'Indikazzjoni Ġeografika Protetta/bi Speċjalità Tradizzjonali Garantita/b'biedja tal-muntanji*: jekk *il-biċċa l-kbira tal-produzzjoni* ta' xi setturi speċifiċi hija ta' prodotti jew oġġetti tal-ikel li jkunu mħarsa minn indikazzjonijiet ta' DPO, IĠP, STG jew "biedja tal-muntanji", jew ta' prodotti li hu magħruf li jintużaw fil-produzzjoni ta' oġġetti tal-ikel imħarsa minn indikazzjonijiet ta' DPO, IĠP, STG jew "biedja tal-muntanji", għandha tingħata indikazzjoni tas-setturi tal-produzzjoni (tista' tintgħażel aktar minn waħda). Għandhom jintużaw in-numri ta' kodiċi elenkati hawn taħt. Meta l-azjenda tipproduċi xi prodotti jew oġġetti tal-ikel imħarsa minn indikazzjonijiet ta' DPO, IĠP, STG jew "biedja tal-muntanji" jew xi prodotti li hu magħruf li jintużaw fil-produzzjoni ta' oġġetti tal-ikel imħarsa minn indikazzjonijiet ta' DPO, IĠP, STG jew "biedja tal-muntanji", iżda dan ma jkunx il-każ għall-biċċa l-kbira tal-produzzjoni f'kull settur, għandu jintuża l-kodiċi "ma japplikax".

0. mhux applikabbli:

31. ċereali

32. żrieragħ żejtnin u wċuħ li jitkabbru għall-proteini

33. frott u ħaxix (inkluż il-frott taċ-ċitru, iżda mhux iż-żebbuġ)

34. żebbuġ

35. dwieli

36. laħam taċ-ċanga

37. ħalib tal-baqar

38. laħam tal-majjal

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1).

▼B

39. nagħaġ u mogħoż (ħalib u laħam)

40. laħam tal-pullam

41. bajd

42. settur ieħor

Il-partiti A.CL.150.C. *Id-Denominazzjoni Protetta tal-Oriġini/l-Indikazzjoni Ġeografika Protetta/l-Ispeċjalità Tradizzjonali Garantita/il-biedja tal-muntanji* u A.CL.151.C huma fakultattivi għall-Istati Membri. Jekk ikunu applikati mill-Istat Membru, din l-informazzjoni għandha timtela għall-irziezet kollha, ta' dan l-Istat Membru, li ttieħdu bħala kampjun. Jekk tkun applikata A.CL.150.C, għandha tkun applikata ukoll A.CL.151.C.

A.CL.160.C. *Żoni li jġarrbu diffikultajiet naturali u diffikultajiet speċifiċi oħrajn*: Għandha tingħata indikazzjoni dwar jekk il-biċċa l-kbira tal-art agrikola tal-azjenda li tintuża hijiex f'post kopert mill-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]). F'dawk l-Istati Membri fejn għadha ma saritx kollha d-demarkazzjoni taż-żoni li jġarrbu diffikultajiet naturali sinifikanti fit-tifsira tal-Artikolu 32(3) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013, issir referenza għaż-żoni li kienu eliġibbli skont l-Artikolu 36(a)(ii) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 waqt il-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013. Għandhom jintużaw in-numri ta' kodiċi li ġejjin:

1. il-biċċa l-kbira tal-art agrikola tal-azjenda li tintuża mhijiex f'post li jġarrab diffikultajiet naturali jew diffikultajiet oħrajn speċifiċi fit-tifsira tal-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013, u lanqas f'post li kien eliġibbli skont l-Artikolu 36(a)(ii) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 waqt il-perjodu ta' programmazzjoni tal-2007-2013 f'dawk l-Istati Membri fejn għadha mihiex lesta d-demarkazzjoni skont l-Artikolu 32(3) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013;

21. il-biċċa l-kbira tal-art agrikola tal-azjenda li tintuża qiegħda f'post li jġarrab diffikultajiet naturali sinifikanti fit-tifsira tal-Artikolu 32(3) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013;

22. il-biċċa l-kbira tal-art agrikola tal-azjenda li tintuża qiegħda f'post li jġarrab diffikultajiet speċifiċi fit-tifsira tal-Artikolu 32(4) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013;

23. il-biċċa l-kbira tal-art agrikola tal-azjenda li tintuża qiegħda f'post li kien eliġibbli skont l-Artikolu 36(a)(ii) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 waqt il-perjodu ta' programmazzjoni tal-2007-2013 f'dawk l-Istati Membri fejn għadha mihiex lesta d-demarkazzjoni skont l-Artikolu 32(3) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013;

3. il-biċċa l-kbira tal-art agrikola tal-azjenda li tintuża qiegħda f'żona muntanjuża fit-tifsira tal-Artikolu 32(2) tar-Regolament(UE) Nru 1305/2013;

5. il-biċċa l-kbira tal-art agrikola tal-azjenda li tintuża qiegħda f'żona ta' eliminazzjoni gradwali fit-tifsira tal-Artikolu 31(5) tar-Regolament(UE) Nru 1305/2013.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487).

▼B

A.CL.170.C. *Altitudni*: l-altitudni għandha tkun indikata bin-numru ta' kodiċi korrispondenti:

1. il-biċċa l-kbira tal-azjenda qiegħda f'għoli ta' < 300 m;

2. il-biċċa l-kbira tal-azjenda qiegħda f'għoli ta' 300 sa 600 m;

3. il-biċċa l-kbira tal-azjenda qiegħda f'għoli ta' > 600 m;

4. dejta mhux disponibbli.

▼M1

A.CL.180.C. *Żona koperta minn Fondi Strutturali*: għandha tingħata indikazzjoni f'liema mir-reġjuni msemmija fil-punti (a), (b) jew (c) tal-Artikolu 90(2) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) tinsab il-biċċa l-kbira tal-art agrikola użata tal-azjenda agrikola.

▼B

1. il-biċċa l-kbira tal-art agrikola tal-azjenda li tintuża qiegħda f'reġjun mhux żviluppat, skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, b'mod partikolari tal-paragrafu 2(a) tal-Artikolu 90 tiegħu;

2. il-biċċa l-kbira tal-art agrikola tal-azjenda li tintuża qiegħda f'reġjun aktar żviluppat, skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, b'mod partikolari tal-paragrafu 2(c) tal-Artikolu 90 tiegħu;

3. il-biċċa l-kbira tal-art agrikola tal-azjenda li tintuża qiegħda f'reġjun ta' tranżizzjoni fit-tifsira tal-paragrafu 2(b) tal-Artikolu 90 tar-Regolament(UE) Nru 1303/2013.

A.CL.190.C. *Żona Natura 2000:* għandha tingħata indikazzjoni dwar jekk il-biċċa l-kbira tal-art agrikola tal-azjenda li tintuża hijiex f'żoni marbuta mal-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE ([2]) u d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE ([3]) (Natura 2000). Għandhom jintużaw in-numri ta' kodiċi li ġejjin:

1. il-biċċa l-kbira tal-art agrikola tal-azjenda li tintuża *mhijiex* f'żona eliġibbli għall-pagamenti tan-Natura 2000;

2. il-biċċa l-kbira tal-art agrikola tal-azjenda li tintuża *tinsab* f'żona eliġibbli għall-pagamenti tan-Natura 2000.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE tat-2 ta' April 1979 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 103, 25.4.1979, p. 1).

([3]) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

▼B

A.CL.200.C. *Żona li għaliha tapplika id-Direttiva tal-Ilma (2000/60/KE)*: għandha tingħata indikazzjoni dwar jekk il-biċċa l-kbira tal-art agrikola tal-azjenda li tintuża hijiex f'żoni marbuta mal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1]. Għandhom jintużaw in-numri ta' kodiċi li ġejjin:

1. il-biċċa l-kbira tal-art agrikola tal-azjenda li tintuża mhijiex f'żona eliġibbli għall-pagamenti marbutin mad-Direttiva 2000/60/KE;

2. il-biċċa l-kbira tal-erja agrikola utilizzata tal-azjenda tinsab f'żona eliġibbli għal pagamenti relatati mad-Direttiva 2000/60/KE.

A.OT. **Dettalji oħra rigward l-azjenda**

A.OT.210.C. *Is-sistema ta' irrigazzjoni*: għandha tingħata indikazzjoni dwar is-sistema ta' tisqija ewlenija applikata fl-azjenda agrikola:

0. mhix applikabbli (meta ma jkunx hemm tisqija fl-azjenda agrikola)

1. mal-wiċċ

2. bit-tbexxix

3. bit-taqtir

4. oħra

A.OT.220.C. *L-għadd ta' jiem ta' mergħa fuq art komuni għal kull bhima*: L-għadd ta' jiem ta' mergħa minn kull bhima tar-razzett fuq art komuni li tuża l-azjenda.

IL-KOLONNI FIT-TABELLA A

Il-kolonna R tirreferi għat-taqsima tal-FADN, il-kolonna S tirreferi għas-sottotaqsimiet, il-kolonna H tirreferi għan-numru tas-sensiela tal-azjenda, il-kolonna DG tirreferi għall-gradi, il-kolonna MI tirreferi għall-minuti, il-kolonna N għan-NUTS, il-kolonna AO għan-numru tal-uffiċċju tal-kontabbiltà, il-kolonna DT għad-data, il-kolonna W għall-piż tal-azjenda, il-kolonna TF għat-tip ta' biedja, il-kolonna ES għall-klassi ta' daqs ekonomiku, u l-kolonna C għall-kodiċi.

Tabella B

Tip ta' okkupazzjoni

Kategorija ta' Erja agrikola użata (EAU)		Kodiċi (*)
Grupp ta' informazzjoni		Erja Agrikola Utilizzata
		A
UO	EAU għall-biedja mis-sid	
UT	EAU għall-biedja mill-inkwilin	
US	EAU għall-biedja bi tqassim jew modi oħrajn	

[1] Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

▼B

Kodiċi (*)	Deskrizzjoni tal-kategoriji	Grupp	A
10	EAU għall-biedja mis-sid	**UO**	
20	EAU mikrija	**UT**	
30	Sharecropped UAA	**US**	

Artijiet ta' azjendi miżmuma b'mod konġunt minn żewġ sħab jew aktar għandhom jiġu rreġistrati bħala okkupati mis-sid, mikrija jew maħduma bi tqassim, skont l-arranġament fis-seħħ bejn is-sħab.

l-Erja Agrikola Utilizzata (EAU) hija l-erja totali okkupata minn art li tinħadem, bur u mergħa permanenti, uċuħ tar-raba' permanenti u ġonna kulinari, użata mill-azjenda, irrispettivament mit-tip ta' dritt fuq il-proprjetà. Mhumiex inklużi l-artijiet komuni użati mill-azjenda.

Għandhom jintużaw il-gruppi ta' informazzjoni u ta' kategoriji li ġejjin:

B.UO. **EAU għall-biedja mis-sid**

B.UO.10.A UAA (art li tinħadem, bur permanenti, uċuħ tar-raba' permanenti u ġonna kulinari) li l-bidwi huwa l-proprjetarju, l-inkwilin għal għomru jew id-detentur tal-kirja tagħhom u/jew EAU b'kundizzjonijiet simili. Din il-kategorija tinkludi art mikrija lil persuni oħrajn lesta biex tinżera' (kodiċi tal-uċuħ 11300).

B.UT. **EAU għall-biedja mill-inkwilin**

▼M1

B.UT.20.A UAA (art li tinħadem, bur permanenti, uċuħ tar-raba' permanenti u ġonna kulinari) li tinħadem minn persuna li mhix is-sid, l-inkwilin għal għomru jew id-detentur tal-kirja u li l-art imsemmija hija mikrija lilu (il-kera għandha titħallas bi flus u/jew in natura; din ġeneralment tkun iffissata bil-quddiem, u normalment ma tvarjax skont ir-riżultati tal-biedja) u/jew iż-żona agrikola li tintuża maħduma b'kundizzjonijiet simili ta' pussess.

▼B

L-erja mikrija ma tinkludix art li l-ħsad tagħha jinxtara bħala wiċċ tar-raba' wieqaf. Is-somom li jitħallsu għax-xiri tal-uċuħ tar-raba' wieqfa għandhom jingħataw fit-Tabella H taħt il-kodiċijiet mill-2020 sal-2040 (għalf mixtri) fil-każ tal-ħaxix tal-bur jew tal-uċuħ tar-raba' li jintużaw għall-għalf tal-annimali u taħt il-kodiċi 3090 (speċjeż speċifiċi oħrajn marbuta mal-uċuħ tar-raba') fil-każ tal-uċuħ tar-raba' li jistgħu jitqiegħdu fis-suq (prodotti li s-soltu jitqiegħdu fis-suq). L-uċuħ tar-raba' li jistgħu jitqiegħdu fis-suq u jinxtraw wieqfa għandhom jingħataw mingħajr ma tiġi speċifikata l-erja inkwistjoni (Tabella H).

Art mikrija għal inqas minn sena fuq bażi okkażjonali, u l-produzzjoni tagħha, hija ttrattata b' mod simili għal art li l-ħsad tagħha jinxtara bħala wiċċ tar-raba' wieqaf.

B.US. **EAU għall-biedja bi tqassim jew modi oħrajn**

B.US.30.A UAA (art li tinħadem, bur u mergħa permanenti, uċuħ tar-raba' permanenti u ġonna kulinari) li tinħadem b'mod konġunt minn min jagħti l-konċessjoni u minn min jaqsam l-uċuħ tar-raba' abbażi ta' ftehim ta' qsim tal-uċuħ tar-raba' u/jew l-erja agrikola użata maħduma b'kundizzjonijiet simili.

KOLONNI FIT-TABELLA B

Il-kolonna A tirreferi għall-EAU.

▼B

Tabella C

Haddiema

Kategorija ta' ħaddiema	Kodiċi (*)

		Kolonni							
		Ġenerali				Total tax-xogħol fl-azjenda (xogħol agrikolu u xogħol għal attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ (OGA) b'rabta diretta mal-azjenda)		Porzjon mix-xogħol għal attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ direttament relatati mal-azjenda	
Grupp ta' informazzjoni		Għadd ta' persuni	Sess	Sena tat-twelid	Taħriġ agrikolu tal-maniġer	Ħin maħdum fis-sena	Għadd ta' Unitajiet Annwali ta' Xogħol (AWU)	% tal-ħin maħdum fis-sena	% tal-AWU
		P	**G**	**B**	**T**	**Y1**	**W1**	**Y2**	**W2**
		Numru sħiħ	Daħħal il-kodiċi	Erba' ċifri	Daħħal il-kodiċi	(siegħat)	(AWU)	%	%
UR	Bla ħlas, regolari								
UC	Bla ħlas, każwali	—	—	—	—		—		—
PR	Bi ħlas, regolari								
PC	Bi ħlas, każwali	—	—	—	—		—		—

Kodiċi (*)	Deskrizzjoni	Grupp	**P**	**G**	**B**	**T**	**Y1**	**W1**	**Y2**	**W2**
10	Detentur/maniġer	**UR**	—						—	
20	Detentur/mhux maniġer	**UR**	—			—			—	
30	Maniġer/mhux detentur	**UR**	—						—	
40	Konjuġi tad-detentur	**UR**		—	—	—				
50	Oħrajn	**UR, PR**		—	—	—				
60	Każwali	**UC, PC**	—	—	—	—		—		—
70	Maniġer	**PR**	—						—	

▼B

B"“ħaddiema” wieħed jifhem il-persuni kollha involuti fil-ħidma tal-azjenda matul is-sena ta' kontabbiltà). Madankollu, mhumiex inklużi l-persuni li jkunu wettqu dan ix-xogħol f'isem persuna jew impriża oħra (kuntratt ta' xogħol agrikolu, li l-ispejjeż tagħhom jidhru fit-Tabella H taħt il-kodiċi 1020).

Fil-każ ta' assistenza reċiproka bejn l-azjendi, fejn din l-assistenza tikkonsisti fi skambju ta' xogħol, u l-assistenza rċevuta hija bi prinċipju ekwivalenti għall-assistenza mogħtija, il-ħin maħdum mill-ħaddiema tal-azjenda u kwalunkwe pagi relatati huma speċifikati fil-prospett tal-biedja.

Xi kultant l-assistenza rċevuta tiġi kkumpensata b'assistenza ta' xorta oħra (pereżempju għajnuna f'għamla ta' xogħol tista' tiġi kkumpensata bil-provvista ta' makkinarju). Meta l-iskambju ta' servizzi jkun fuq skala limitata, xejn ma għandu jiġi indikat fuq il-prospett tal-azjenda agrikola (fl-eżempju mogħti hawn fuq, l-għajnuna li tkun ingħatat ma tintweriex taħt xogħol; spejjeż ta' makkinarju, madanakollu, jinkludu l-ispejjeż li wieħed ipoġġi l-makkinarju għad-dispożizzjoni ta' ħaddieħor). F'każijiet eċċezzjonali meta l-iskambju ta' servizzi jkun fuq skala kbira, il-proċedura hija waħda minn dawn li ġejjin:

(a) l-għajnuna li tingħata bħala xogħol tintradd lura b'servizz ta' xorta oħra (pereżempju l-provvista ta' makkinarju) il-ħin ta' xogħol li jingħata għandu jiġi rreġistrat bħala xogħol tal-biedja mħallas (gruppi PR jew PC, skont jekk il-ħaddiema jkunux impjegati fl-azjenda fuq bażi regolari jew le); il-valur tal-assistenza mogħtija għandu jitniżżel kemm bħala produzzjoni taħt il-kategorija korrispondenti f'tabelli oħra (f'dan l-eżempju, Tabella L, kategorija 2010 “Xogħol b'kuntratt”) kif ukoll bħala spiża (tabella H kategorija 1010 “Pagi u sigurtà soċjali”);

(b) l-għajnuna li tingħata bħala xogħol tintradd lura b'servizz ta' xorta oħra (pereżempju l-provvista ta' makkinarju) f'din is-sitwazzjoni l-ħin ta' xogħol ipprovdut u kwalunkwe pagi relatati ma għandhomx jitqiesu; il-valur tas-servizz li jirċievu jiġi rreġistrat bħala input taħt il-grupp korrispondenti f'tabella oħra (f'dan l-eżempju, Tabella H, grupp 1020 “Xogħol b'kuntratti u kiri ta' makkinarju”).

Għandha ssir distinzjoni bejn il-gruppi ta' informazzjoni u l-kategoriji ta' ħaddiema li ġejjin:

C.UR. ***Ħaddiema regolari mhux imħallsa***

Il-ħaddiema mhux imħallsa jew li jirċievu inqas rimunerazzjoni (fi flus jew in natura) mill-ammont normalment imħallas għas-servizzi pprovduti (tali ħlas ma għandux jidher fl-ispejjeż tal-azjenda) u li matul is-sena ta' kontabbiltà jkunu pparteċipaw, mill-inqas, għal ġurnata sħiħa fil-ġimgħa (esklużi vaganzi normali).

Madankollu, persuna impjegata regolarment li, però, għal raġunijiet partikolari, tkun ġiet impjegata fl-azjenda għal perjodu limitat biss fis-sena ta' kontabbiltà għandha tiġi rreġistrata madankollu (għall-għadd ta' sigħat maħduma fir-realtà) bħala ħaddiem(a) regolari.

Jistgħu jinqalgħu l-każijiet li ġejjin jew oħrajn simili:

(a) kundizzjonijiet speċjali ta' produzzjoni fl-azjenda li minħabba fihom ma jeħtieġux bżonn ta' ħaddiema tul is-sena kollha: pereżempju azjendi taż-żebbuġ jew tal-għeneb u rziezet speċjalizzati fit-tismin staġonali ta' annimali jew fil-produzzjoni ta' frott u ħaxix fil-beraħ;

(b) assenza mix-xogħol għajr dik minħabba vaganzi normali, pereżempju servizz militari, mard, inċidenti, maternità, liv estiż eċċ.;

▼B

(c) li wieħed jibda, jew jieqaf, jaħdem mal-azjenda;

(d) waqfien totali tax-xogħol fl-azjenda minħabba kawżi aċċidentali (għargħar, nar, eċċ.).

Hemm il-kategoriji li ġejjin:

C.UR.10. **Detentur/maniġer**

Persuna li tassumi responsabbiltà ekonomika u legali għall-azjenda u tieħu ħsieb it-tmexxija ta' kuljum. Fil-każ ta' arranġamenti ta' qsim ta' uċuħ tar-raba', min jaqsam l-uċuħ tar-raba' huwa indikat bħala detentur/manager.

C.UR.20. **Detentur/mhux maniġer**

Persuna li tassumi responsabbiltà ekonomika u legali għall-azjenda mingħajr ma tieħu ħsieb it-tmexxija ta' kuljum.

C.UR.30 **Maniġer/mhux detentur**

Persuna li tieħu ħsieb it-tmexxija ta' kuljum tal-azjenda mingħajr ma tassumi responsabbiltà ekonomika u legali għaliha.

C.UR.40. **Konjuġi tad-detentur(i)**

C.UR.50. **Haddiema regolari oħra mhux imħallsa**

Il-ħaddiema mhux imħallsa li mhumiex inklużi fil-kategoriji ta' qabel jinkludu wkoll lill-formen u lis-submaniġers mhux responsabbli għat-tmexxija tal-azjenda kollha.

C.UC. ***Ħaddiema każwali mhux imħallsa***

C.UC.60. Il-ħaddiema mhux imħallsa li ma jkunux ħadmu mal-azjenda b'mod regolari matul is-sena ta' kontabbiltà jiddaħħlu f'din il-kategorija.

C.PR. ***Ħaddiema regolari mħallsa***

Ħaddiema mħallsa (fi flus u/jew in natura) fuq l-iskala normali għas-servizzi pprovduti u li waqt is-sena ta' kontabbiltà (eskluži vaganzi normali) ikunu ħadmu għall-azjenda għal mill-inqas ġurnata sħiħa fil-ġimgħa.

Għandhom jidhru l-kategoriji li ġejjin:

C.PR.70. **Maniġer tal-azjenda**

Persuna b'salarju li tkun responsabbli għat-tmexxija ta' kuljum tal-azjenda.

C.PR.50. **Oħrajn**

Il-ħaddiema regolari mħallsa kollha (bl-eċċezzjoni tal-maniġer b'salarju tal-azjenda) għandhom jiddaħħlu f'dan il-grupp. Jinkludi wkoll lill-formen u lis-submaniġers mhux responsabbli għat-tmexxija tal-azjenda kollha.

▼B

C.PC. ***Ħaddiema okkazjonali mħallsa***

C.PC.60. Il-ħaddiema mħallsa li ma jkunux ħadmu b'mod regolari mal-azjenda matul is-sena ta' kontabbiltà (inklużi ħaddiema parzjali) jiddaħħlu f'din il-kategorija.

KOLONNI FIT-TABELLA C

L-għadd ta' persuni (il-kolonna P)

Fejn hemm aktar detenturi, jista' jkun hemm aktar minn konjuġu wieħed. L-għadd ta' konjuġi u l-għadd ta' persuni għandu jkun indikat fil-kategoriji fejn jistgħu jidhru (kategoriji 40 u 50 mill-gruppi "ħaddiema regolari mhux imħallsa" UR jew "ħaddiema regolari mħallsa" PR).

Is-sess (il-kolonna G)

Is-sess għandu jiġi stabbilit biss għad-detentur(i) u/jew għall-maniġer(s) fil-kategoriji fejn jistħgu jidhru (il-kategoriji mill-10 sat-30 u s-70 tal-gruppi "ħaddiema regolari mhux imħallsa" UR jew "ħaddiema mħallsa regolari" PR). Is-sess għandu jkun indikat b'numru ta' kodiċi, jiġifieri:

1. raġel;

2. mara.

Is-sena tat-twelid (il-kolonna B)

Is-sena tat-twelid għandha tingħata biss għad-detentur(i) u/jew il-maniġer(s) (il-kategoriji mill-10 sat-30 u s-70 tal-gruppi "ħaddiema regolari mhux imħallsa" UR jew "ħaddiema mħallsa regolari" PR) bl-użu tal-erba' ċifri tas-sena tat-twelid.

It-taħriġ agrikolu tal-maniġer (il-kolonna T)

It-taħriġ agrikolu għandu jingħata biss lill-maniġer(s) (il-kategoriji 10, 30 u 70 tal-gruppi "ħaddiema regolari mhux imħallsa" UR jew "ħaddiema mħallsa regolari" PR). It-taħriġ agrikolu huwa indikat b'numru ta' kodiċi, jiġifieri:

1. esperjenza agrikola prattika biss;

2. taħriġ agrikolu bażiku;

3. taħriġ agrikolu sħiħ.

Hin maħdum fis-sena (il-kolonna Y1)

Il-ħin maħdum għandu jiġi indikat f'sigħat għall-gruppi u l-kategoriji kollha. Għandu jirreferi għall-ħin attwalment iddedikat għall-ħidma fl-azjenda. Fil-każijiet ta' ħaddiema b'inqas ħila, il-ħin maħdum għandu jitnaqqas b'mod proporzjonali mal-kapaċitajiet tagħhom. Il-ħin maħdum minn ħaddiema li jaħdmu bl-imqietgħa huwa stmat billi l-ammont totali mħallas għax-xogħol jiġi diviż bil-paga fis-siegħa ta' ħaddiem impjegat bis-siegħa.

▼B

Total tal-ħaddiema: **l-għadd ta' unitajiet annwali** (il-kolonna W1)

Il-ħaddiema impjegati b'mod regolari jinbidlu f'unitajiet annwali ta' xogħol. L-għadd ta' unitajiet annwali ta' xogħol ma jiġix irreġistrat għall-ħaddiema każwali (kemm dawk mhux imħallsa (UC) kif ukoll dawk imħallsa (PC)). Unità waħda annwali ta' xogħol hija ekwivalenti għal persuna waħda li taħdem il-ħin kollu mal-azjenda. Persuna waħda ma tistax taqbeż l-ekwivalent ta' unità waħda ta' xogħol, anki jekk il-ħin ta' xogħol attwali tagħha fir-realtà jaqbeż l-istandard għar-reġjun u t-tip ta' azjenda. Persuna li ma taħdimx tul is-sena kollha mal-azjenda tippreżenta frazzjoni ta' "unità annwali". L-"unità annwali ta' xogħol" ta' kull waħda minn dawn il-persuni tinstab billi wieħed jiddividi l-ħin attwali ta' xogħol fis-sena bil-ħin normali ta' xogħol fis-sena ta' ħaddiem full-time fir-reġjun li qiegħed jitqies u fl-istess tip ta' azjenda.

Fil-każijiet ta' ħaddiema b'inqas ħila, l-ekwivalent ta' unitajiet ta' xogħol annwali għandu jitnaqqas b'mod proporzjonat mal-kapaċitajiet tagħhom.

Is-sehem tax-xogħol f'attivitajiet oħrajn bi skop ta' qligħ bħala % tal-ħin maħdum kull sena (il-kolonna Y2)

Is-sehem tax-xogħol iddedikat għal attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ espress bħala ħin maħdum huwa obbligatorju biss fil-każ tal-ħaddiema każwali (kemm dawk mhux imħallsa kif ukoll dawk imħallsa). Jista' jingħata b'mod volontarju għall-konjuġi tad-detenturi, il-ħaddiema l-oħra regolari mhux imħallsa, u l-ħaddiema l-oħra regolari mħallsa. Għal kull kategorija kkonċernata (40, 50, 60), dan jingħata bħala perċentwali tas-sigħat maħduma matul is-sena tal-kontabbiltà.

Il-proporzjon tax-xogħol f'attivitajiet oħrajn bi skop ta' qligħ bħala % tal-unitajiet ta' xogħol kull sena (il-kolonna W2)

Is-sehem tax-xogħol iddedikat għal attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ espress bħala unitajiet annwali ta' xogħol huwa obbligatorju għall-kategoriji kollha ta' ħaddiema barra l-ħaddiema każwali (kemm dawk mhux imħallsa (UC) kif ukoll dawk imħallsa (PC)). Jingħata bħala perċentwali tal-unitajiet annwali ta' xogħol għal kull kategorija.

Xogħol f'azjenda agrikola

Ix-xogħol f'azjenda jinkludi kull xogħol ta' organizzazzjoni, sorveljanza u eżekuzzjoni, kemm manwali kif ukoll amministrattiv, li jsir b'rabta max-xogħol agrikolu fil-azjenda u x-xogħol marbut mal-attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ direttament relatati mal-azjenda:

— Xogħol agrikolu fl-azjenda

  — organizzazzjoni u ġestjoni finanzjarja (bejgħ u xiri mill-azjenda, żamma tal-kotba, eċċ.),

  — xogħol fl-għelieqi (ħrit, żrigħ, ħsad, manutenzjoni tas-siġar tal-frott eċċ.),

  — trobbija tal-annimali (tħejjija tal-għalf, tmigħ tal-annimali, ħlib, kura tal-annimali, eċċ.),

  — tħejjija ta' prodotti għas-suq, ħżin, bejgħ dirett ta' prodotti tal-azjenda, ipproċessar ta' prodotti tal-azjenda għall-konsum mill-bdiewa stess, produzzjoni ta' nbid u żejt taż-żebbuġ,

  — manutenzjoni ta' bini, makkinarju, apparat, sisien tal-ħaxix, kanali, eċċ.,

  — trasport tal-azjenda mwettaq mill-ħaddiema tal-azjenda,

▼B

— Xogħol għall-attivitajiet l-oħra bi skop ta' qligħ direttament relatati mal-azjenda

  — xogħol b'kuntratt (bl-użu ta' mezzi ta' produzzjoni tal-azjenda),

  — turiżmu, akkomodazzjoni u attivitajiet oħra relatati mal-ħin tal-mistrieħ,

  — ipproċessar ta' prodotti tal-azjenda (irrispettivament jekk il-materja prima tiġix prodotta fl-azjenda jew jekk tinxtarax minn barra), pereżempju ġobon, butir, laħam ipproċessat …,

  — il-produzzjoni ta' enerġiji rinnovabbli,

  — il-forestrija u l-ipproċessar tal-injam,

  — attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ (annimali miżmuma għall-fer, biedja terapewtika (agrikoltura għal finijiet terapewtiċi), artiġjanat, akkwakultura, …).

Dawn li ġejjin mhumiex inklużi fix-xogħol tal-azjenda:

— xogħol fil-produzzjoni ta' assi fissi (xogħol ta' kostruzzjoni jew ta' tiswijiet maġġuri ta' bini jew makkinarju, tħawwil ta' ġonna bis-siġar, ħatt ta' bini, tagħżiq ta' ġonna bis-siġar, eċċ.),

— xogħol imwettaq għad-dar tad-detentur jew tal-maniġer.

Tabella D

Assi

Struttura tat-tabella

Kategorija ta' assi		Kodiċi (*)
		Kolonna
Grupp ta' informazzjoni		Valur
		V
OV	Valutazzjoni tal-ftuħ	
AD	Deprezzament akkumulat	
DY	Deprezzament tas-sena kurrenti	
IP	Investiment/xiri, qabel ma jitnaqqsu s-sussidji	
S	Sussidji	
SA	Bejgħ	
CV	Valutazzjoni tal-għeluq	

Kodiċi (*)	Deskrizzjoni tal-kategoriji	**OV**	**AD**	**DY**	**IP**	**S**	**SA**	**CV**
1010	Flus kontanti u ekwivalenti		—	—	—	—	—	
1020	Riċevibbli		—	—	—	—	—	

▼B

Kodiċi (*)	Deskrizzjoni tal-kategoriji	OV	AD	DY	IP	S	SA	CV
1030	Assi kurrenti oħra		—	—	—	—	—	
1040	Inventarji		—	—				
2010	Assi bijoloġiċi — pjanti		—	—				
3010	Art agrikola		—	—				
3020	Benefikati fuq l-art							
3030	Binjiet tal-azjenda							
4010	Makkinarju u tagħmir							
5010	Art tal-foresti, inkluż injam wieqaf		—	—				
7010	Assi intanġibbli, negozjabbli		—	—				
7020	Assi intanġibbli, mhux negozjabbli							
8010	Assi oħra mhux kurrenti							

Għandhom jintużaw il-kategoriji ta' assi li ġejjin:

1010. **Flus kontanti u ekwivalenti**

Flus kontanti u assi oħra li jistgħu faċilment jinbidlu fi flus kontanti.

1020. **Riċevibbli**

Assi ta'terminu qasir, ammonti dovuti lill-azjenda li jinħolqu b'mod normali mill-attivitajiet kummerċjali.

1030. **Assi kurrenti oħra**

Kwalunkwe assi oħra li jinbiegħu faċilment jew li huma mistennija li jitħallsu fi żmien sena.

1040. **Inventarji**

Stokkijiet ta' prodotti li huma proprjetà tal-azjenda li jistgħu jew jintużaw bħala mezzi ta' produzzjoni jew jinżammu għall-bejgħ, irrispettivament jekk humiex immanifatturati mill-azjenda jew mixtrija.

2010. **Assi bijoloġiċi — pjanti**

Il-valuri tal-pjanti li għadhom ma nħasdux (l-uċuħ tar-raba' kollha permanenti u wieqfa).

3010. **Art agrikola**

L-art agrikola fil-pussess tal-azjenda.

3020. **Benefikati fuq l-art**

Benefikati fuq l-art (pereżempju bini ta' ċnut jew ħitan, sistemi ta' drenaġġ, apparat permanenti għat-tisqija) li jappartienu lid-detentur, irrispettivament mit-tip ta' okkupazzjoni tal-art. L-ammonti mdaħħla huma soġġetti għad-deprezzament fil-kolonna DY.

▼B

3030. **Binjiet tal-azjenda**

Binjiet li jappartjenu lid-detentur, irrispettivament mit-tip ta' okkupazzjoni tal-art. L-intestatura għandha timtela, u l-ammonti rreġistrati huma soġġetti għad-deprezzament fil-kolonna DY.

4010. **Makkinarju u tagħmir**

Tratturi, kultivaturi bil-mutur, trakkijiet, vannijiet, karozzi, tagħmir tal-biedja kbir u żgħir. L-intestatura għandha timtela, u l-ammonti rreġistrati huma soġġetti għad-deprezzament fil-kolonna DY.

5010. **Art tal-foresti, inkluż injam wieqaf**

Artijiet tal-foresti okkupati mis-sid li huma inklużi fl-azjenda agrikola.

7010. **Assi intanġibbli — negozjabbli**

L-assi kollha intanġibbli li jistgħu jinxtraw jew jinbiegħu faċilment (pereżempju kwoti u drittijiet meta jkunu negozjabbli mingħajr l-art u jkun jeżisti suq attiv għalihom).

7020. **Assi intanġibbli — mhux negozjabbli**

L-assi intanġibbli l-oħra kollha (pereżempju softwer, liċenzji, eċċ.). L-intestatura għandha timtela, u l-ammonti rreġistrati huma soġġetti għad-deprezzament fil-kolonna DY.

8010. **Assi oħra mhux kurrenti**

Assi oħra fuq medda twila ta' żmien. L-intestatura għandha timtela, u l-ammonti rreġistrati huma soġġetti għad-deprezzament fil-kolonna DY.

Gruppi ta' informazzjoni fit-Tabella D

Il-gruppi ta' informazzjoni huma: (OV) valutazzjoni tal-ftuħ, (AD) deprezzament akkumulat, (DY) deprezzament tas-sena kurrenti, (IP) investimenti jew xiri qabel ma jitnaqqsu s-sussidji, (S) sussidji, (SA) bejgħ, (CV) valutazzjoni tal-għeluq. Dawn huma spjegati hawn taħt.

Hemm kolonna waħda biss bil-valur (V).

Metodi ta' valutazzjoni

Jintużaw il-metodi ta' valutazzjoni li ġejjin:

Valur ġust li minnu jitnaqqsu l-ispejjeż stmati fuq il-post tal-bejgħ	l-ammont li bih jistgħu jiġu skambjati l-assi, jew ikun saldu ta' obbligazzjoni, bejn partijiet konsapevoli u disposti fi tranżazzjoni distakkata, li minnu jitnaqqsu l-ispejjeż stmati li wieħed iġarrab b'rabta mal-bejgħ	2010, 3010, 5010, 7010
Kost storiku	spejjeż nominali jew oriġinali tal-assi waqt l-akkwist	3020, 3030, 4010, 7020
Valur skont il-kotba	il-valur tal-assi kif jidher fil-karta tal-bilanċ	1010, 1020, 1030, 1040, 8010

D.OV. Valutazzjoni tal-ftuħ

Il-valutazzjoni tal-ftuħ hija l-valur tal-assi fil-bidu tas-sena ta' kontabbiltà. Għall-irziezet li kienu inklużi fil-kampjun anki fis-sena ta' qabel, il-valutazzjoni tal-ftuħ għandha taqbel mal-valutazzjoni tal-għeluq tas-sena ta' qabel.

▼B

D.AD. Deprezzament akkumulat

Huwa s-somma tad-deprezzament tal-assi mill-bidu tal-ħajja tagħhom sa tmiem il-perjodu preċedenti.

D.DY. Deprezzament tas-sena kurrenti

Allokazzjoni sistematika tal-ammont deprezzabbli tal-assi matul il-ħajja utli tagħhom.

Għandha tintbagħat tabella bir-rati annwali ta' deprezzament applikati minn kull Stat Membru lill-Kummissjoni fil-ħin biex tiġi stabbilita s-sistema ta' twassil u kontroll komputerizzata msemmija fl-Artikolu 10(1).

D.IP. Investimenti/Xiri

L-infiq totali fuq xiri, tiswijiet kbar u l-produzzjoni ta' assi fissi matul is-sena ta' kontabbiltà. Fil-każijiet fejn ikunu ngħataw għotjiet u sussidji fil-konfront ta' dawn l-investimenti, l-ammont minfuq qabel ma jitnaqqsu l-għotjiet u s-sussidji msemmija għandu jiddaħħal fil-kolonna IP.

Ix-xiri ta' oġġetti żgħar ta' makkinarju u tagħmir kif ukoll ta' siġar żgħar u buxxijiet għal tħawwil mill-ġdid ma għandux jidher f'dawn il-kolonni, iżda għandu jiġi inkluż fl-ispejjeż tas-sena ta' kontabbiltà.

It-tiswijiet il-kbar li effettivament iżidu l-valur tal-makkinarju u tat-tagħmir meta mqabbel mal-valur li dawn kellhom qabel it-tiswija għandhom ukoll ikunu inklużi f'din il-kolonna, jew bħala parti integrali mid-deprezzament tal-makkinarju jew tat-tagħmir, li, kif xieraq, għandu jiġi adattat b'tali mod li titqies l-ħajja estiża (bis-saħħa tat-tiswijiet) tal-oġġetti inkwistjoni jew billi l-ispiża tat-tiswijiet il-kbar titqassam fuq il-ħajja utli mistennija kollha.

Il-valur tal-assi fissi prodotti għandu jiġi vvalutat abbażi tal-ispejjeż tagħhom (inkluż il-valur tax-xogħol imħallas u/jew mhux imħallas) u għandu jiżdied mal-valur tal-assi fissi mogħtija taħt il-kodiċijiet mill-2010 sat-8010 tat-Tabella D "Assi".

D.S. Sussidji fuq investimenti

Il-porzjon kurrenti tas-sussidji kollha riċevuti (fis-snin ta' kontabbiltà preċedenti jew kurrenti) għall-assi mdaħħla f'din it-tabella.

D.SA. Bejgħ

Il-bejgħ totali tal-assi matul is-sena ta' kontabbiltà.

D.CV. Valutazzjoni tal-għeluq

Il-valutazzjoni tal-għeluq hija l-valur tal-assi fi tmiem is-sena tal-kontabbiltà.

Kummenti

Għall-punti 2010, 3010, 5010 u 7010, id-differenza bejn OV + IP-SA u CV titqies bħala introjtu jew telf (ikkawżat kemm mit-tibdil fil-prezz tal-unità kif ukoll fil-volum) għal dawn l-assi għas-sena ta' kontabbiltà.

L-informazzjoni dwar l-Assi Bijoloġiċi — annimali titniżżel fit-Tabella J "Produzzjoni tal-bhejjem".

▼B

Tabella E

Kwoti u drittijiet oħra

Kategorija ta' kwota jew dritt	Kodiċi (*)

Grupp ta' informazzjoni		Kolonni			
		Kwota fil-pussess	Kwota mikrija mingħand oħrajn	Kwota mikrija lil oħrajn	Taxxi
		N	**I**	**O**	**T**
QQ	Kwantità fi tmien sena ta' kontabbiltà				—
QP	Xiri ta' kwota		—	—	—
QS	Kwota mibjugħa		—	—	—
OV	Valutazzjoni tal-ftuħ		—	—	—
CV	Valutazzjoni tal-għeluq		—	—	—
PQ	Pagamenti imwettqa għal kwoti meħuda b'kera jew ċens	—		—	—
RQ	Pagamenti riċevuti għal kwoti mogħtija b'kera jew ċens	—	—		—
TX	Taxxi	—	—	—	

Kodiċi (*)	Deskrizzjoni
40	Pitravi zokkrija
50	Demel organiku
60	Drittijiet għall-pagamenti taħt l-iskema tal-ħlas uniku

▼B

Il-kwantitajiet tal-kwoti (kwoti fil-pussess, kwoti mikrija mingħand oħrajn u kwoti mikrija lil oħrajn) huma punti obbligatorji. Tiġi rreġistrata biss il-kwantità fi tmiem is-sena ta' kontabbiltà.

Il-valuri li jikkonċernaw kwoti li jistgħu jiġu nnegozjati b'mod separat mill-art relatata magħhom jitniżżlu f'din it-tabella. Il-kwoti li ma jistgħux jiġu nnegozjati b'mod separat mill-art relatata magħhom jitniżżlu biss fit-Tabella D "Assi". Il-kwoti oriġinarjament akkwistati b'xejn għandhom ukoll jiġu rreġistrati u vvalutati bil-valur kurrenti tagħhom fis-suq jekk ikunu jistgħu jiġu nnegozjati b'mod separat mill-art.

Xi tipi ta' dejta jiġu inklużi b'mod simultanju, individwalment jew bħala komponenti ta' ammonti ta' dejta ikbar, fi gruppi jew f'kategoriji oħra fit-Tabelli D "Assi", H "Mezzi ta' Produzzjoni" u/jew I "Uċuħ tar-raba'".

Għandhom jintużaw **il-kategoriji** li ġejjin:

40. Pitravi zokkrija

50. Demel organiku

60. Drittijiet għall-pagamenti fl-iskema tal-ħlas uniku.

Għandhom jintużaw **il-gruppi ta' informazzjoni** li ġejjin:

E.QQ. Kwantità (li għandha tiġi rreġistrata fil-kolonni N, I, O biss)

L-unitajiet li għandhom jintużaw:

— Il-kategorija 40 (pitravi zokkrija): qnatar,

— Kategorija 50 (demel organiku): għadd ta' annimali mibdul f'unitajiet standard,

— Kategorija 60 (skema ta' pagament bażiku): għadd ta' drittijiet/ares

E.QP. Kwoti mixtrija (għandhom jiġu rreġistrati fil-kolonna N biss)

Għandu jiġi rreġistrat l-ammont imħallas għax-xiri, matul is-sena ta' kontabbiltà, ta' kwoti jew drittijiet oħra li jistgħu jkunu nnegozjati b'mod separat mill-art relatata magħhom.

E.QS. Kwoti mibjugħa (għandhom jiġu rreġistrati fil-kolonna N biss)

L-ammont irċevut għall-bejgħ, matul is-sena ta' kontabbiltà, ta' kwoti jew drittijiet oħra li jistgħu jkunu nnegozjati b'mod separat mill-art relatata magħhom.

E.OV. Valutazzjoni tal-ftuħ (għandha tiġi rreġistrata fil-kolonna N biss)

Il-valur tal-valutazzjoni tal-ftuħ tal-kwantitajiet li jinsabu għad-dispożizzjoni tad-detentur, irrispettivament jekk oriġinarjament ġewx akkwistati b'xejn jew jekk inxtrawx, għandu jiġi rreġistrat skont il-valuri kurrenti fis-suq jekk il-kwoti jkunu jistgħu jiġu nnegozjati b'mod separat mill-art assoċjata magħhom.

E.CV. Valutazzjoni tal-għeluq (għandha tiġi rreġistrata fil-kolonna N biss)

Il-valur tal-valutazzjoni tal-għeluq tal-kwantitajiet li jinsabu għad-dispożizzjoni tad-detentur, irrispettivament jekk oriġinarjament ġewx akkwistati b'xejn jew jekk inxtrawx, għandu jiġi rreġistrat skont il-valuri kurrenti fis-suq jekk il-kwoti jkunu jistgħu jiġu nnegozjati b'mod separat mill-art assoċjata magħhom.

▼B

E.PQ. Ammonti mħallsa għal kwoti meħuda b'kera jew b'ċens (għandhom jiġu rreġistrati fil-kolonna I biss)
Għall-grupp ta' informazzjoni dwar l-awtokonsum u l-benefiċċji in natura (FC), għandhom jiġu rreġistrati l-valur (V) tal-prodotti kkonsmati minn min joqgħod mad-detentur tal-unità domestika u/jew użati għall-ħlas in natura għal prodotti u servizzi (inkluża rimunerazzjoni in natura). Il-prodotti inkwistjoni huma vvalutati skont il-prezzijiet mogħtijin f'xatbet ir-razzett.

I.FU Użu tal-azjenda

Għall-grupp ta' informazzjoni dwar l-użu tal-azjenda (FU), għandhom jiġu rreġistrati l-valur (V) f'xatbet ir-razzett tal-prodotti tal-azjenda li kienu maħżuna (ħażna) fil-bidu tas-sena ta' kontabbiltà u/jew li ġew prodotti matulha, u li jkunu ntużaw bħala mezzi ta' produzzjoni fl-azjenda matul is-sena. Dan jinkludi:

— għalf tal-bhejjem:

il-valur, skont il-prezzijiet mogħtijin f'xatbet ir-razzett, tal-prodotti tal-azjenda li jistgħu jinbiegħu (prodotti li bħalissa jistgħu jitqiegħdu fis-suq) u li matul is-sena ntużaw bħala għalf tal-annimali. It-tiben tal-azjenda użat fl-azjenda (bħala għalf u friex) huwa vvalutat biss fil-każijiet fejn ikun prodott li jista' jinbiegħ fir-reġjun u fis-sena inkunsiderazzjoni. Il-prodotti kkonċernati huma vvalutati bil-prezz tal-bejgħ "f'xatbet ir-razzett":

— żrieragħ:

il-valur, skont il-prezzijiet mogħtijin f'xatbet ir-razzett, tal-prodotti tal-azjenda agrikola li jistgħu jinbiegħu u li jkunu ntużaw bħala żrieragħ għall-uċuħ tar-raba' matul is-sena,

— użu ieħor tal-azjenda (inklużi prodotti magħmula mill-azjenda użati biex jitħejja l-ikel għal persuni li jkunu qattgħu l-vaganzi tagħhom fl-azjenda).

Tabella J.

Produzzjoni tal-bhejjem

Struttura tat-tabella

Kategorija ta' bhejjem	Kodiċi (*)

Grupp ta' informazzjoni		Kolonni		
		Għadd medju	Għadd	Valur
		A	**N**	**V**
AN	Għadd medju		—	—
OV	Valutazzjoni tal-ftuħ	—		
CV	Valutazzjoni tal-għeluq	—		

▼B

Kategorija ta' bhejjem	Kodiċi (*)

Grupp ta' informazzjoni		Kolonni		
		Għadd medju	Għadd	Valur
		A	**N**	**V**
PU	Xiri	—		
SA	Bejgħ totali	—		
SS	Bejgħ għall-qtil	—		
SR	Bejgħ għat-trobbija/għat-tgħammir	—		
SU	Bejgħ bi skop mhux magħruf	—		
FC	Konsum tal-azjenda	—		
FU	Użu tal-azjenda	—		

Kodiċi (*)	Deskrizzjoni
100	Equidae
210	Annimali bovini ta' inqas minn sena, irġiel u nisa
220	Annimali bovini fl-età ta' bejn sena u sentejn, irġiel
230	Annimali bovini fl-età ta' bejn sena u sentejn, nisa
240	Bovini rġiel fl-età ta' mill-inqas sentejn
251	Erieħ għat-tgħammir
252	Erieħ għat-tismin
261	Baqar tal-ħalib
262	Bufli nisa
269	Baqar oħrajn
311	Nagħaġ, nisa għat-tgħammir
319	Nagħaġ oħra
321	Mogħoż, nisa għat-tgħammir
329	Mogħoż oħra
410	Frieħ tal-qżieqeż b'piż ħaj ta' inqas minn 20 kg
420	Qżieqeż nisa tat-tgħammir ta' 50 kg jew iżjed
491	Qżieqeż għat-tismin

▼B

Kodiċi (*)	Deskrizzjoni
499	Qżieqeż oħra
510	Pullam — kapuċċelli
520	Tiġieġ tal-bajd
530	Pullam ieħor
610	Fniek, nisa għat-tgħammir
699	Fniek oħra
700	Naħal
900	Annimali oħra

Kategoriji ta' bhejjem

Wieħed għandu jiddistingwi bejn l-istokkijiet li ġejjin:

100. Equidae

Jinkludu wkoll żwiemel tat-tlielaq u tal-irkib, ħmir, bgħula eċċ.

210. Annimali bovini ta' inqas minn sena, irġiel u nisa

220. Annimali bovini fl-età ta' bejn sena u sentejn, irġiel

230. Annimali bovini fl-età ta' bejn sena u sentejn, nisa

Huma esklużi l-annimali bovini nisa mħabbla.

240. Bovini rġiel fl-età ta' mill-inqas sentejn

251. Erieħ għat-tgħammir

Annimali bovini nisa ta' sentejn jew iżjed li jkunu għadhom ma welldux u li mhumiex intenzjonati għat-tgħammir.

252. Erieħ għat-tismin

Annimali bovini nisa ta' sentejn jew iżjed li jkunu għadhom ma welldux u li mhumiex intenzjonati għat-tgħammir.

261. Baqar tal-ħalib

Annimali bovini nisa li jkunu welldu (inklużi dawk ta' inqas minn sentejn) li jinżammu esklussivament jew primarjament għall-produzzjoni tal-ħalib għall-konsum mill-bniedem jew għall-ipproċessar fi prodotti tal-ħalib. Huma inklużi l-baqar tal-ħalib maqtula.

262. Bufli nisa

Bufli li jkunu welldu (inklużi dawk ta' inqas minn sentejn) li jinżammu esklussivament jew primarjament għall-produzzjoni tal-ħalib għall-konsum mill-bniedem jew għall-ipproċessar fi prodotti tal-ħalib. Huma inklużi l-bufli nisa maqtula.

▼B

269. Baqar oħrajn

1. Annimali bovini nisa li jkunu welldu (inklużi dawk ta' inqas minn sentejn) li jinżammu esklussivament jew primarjament għall-produzzjoni tal-għoġġiela u li l-ħalib tagħhom ma jintużax għall-konsum mill-bniedem jew għall-ipproċessar bħala prodotti tal-ħalib.

2. Baqar għax-xogħol.

3. Baqar mhux tal-ħalib maqtula (kemm jekk ikunu imsemmna qabel il-qtil u kemm jekk le).

Il-kategoriji mill-210 sal-252 u 269 jinkludu wkoll il-kategoriji korrispondenti ta' bufli u bufli nisa.

311. Nagħaġ, nisa għat-tgħammir

Nagħaġ ta' sena jew iżjed intenzjonati għat-tgħammir.

319. Nagħaġ oħra

Nagħaġ ta' kull età, ħlief għan-nisa.

321. Mogħoż, nisa għat-tgħammir

329. Mogħoż oħra

Mogħoż apparti minn nisa għat-tgħammir.

410. Frieħ tal-qżieqeż b'piż ħaj ta' inqas minn 20 kg

Frieħ tal-qżieqeż b'piż ħaj ta' inqas minn 20 kg.

420. Qżieqeż nisa tat-tgħammir ta' 50 kg jew iżjed

Qżieqeż nisa tat tgħammir ta' 50 kg jew iżjed minbarra l-qżieqeż nisa maqtula (ara l-kategorija 499 “Qżieqeż oħra”).

491. Qżieqeż għat-tismin

Qżieqeż għat-tismin b'piż ħaj ta' 20 kg jew iżjed, minbarra l-qżieqeż nisa u rġiel maqtula (ara l-kategorija 499 “Qżieqeż oħra”).

499. Qżieqeż oħra

Qżieqeż b'piż ħaj ta' 20 kg jew iżjed, esklużi l-qżieqeż nisa għat-tgħammir (ara l-kategorija 420) u l-qżieqeż għat-tismin (ara l-kategorija 491).

510. Pullam — brojlers

Tiġieġ tal-mejda. Esklużi tiġieġ tal-bajd u tiġieġ maqtula. Mhux inklużi flieles.

520. Tiġieġ tal-bajd

Inklużi għewietaq, tiġieġ tal-bajd, tiġieġ maqtula u sriedaq għat-tgħammir għat-tiġieġ tal-bajd. L-għewietaq huma tiġiġiet żgħar li jkunu għadhom ma bdewx ibidu. Mhux inklużi flieles.

▼B

530. Pullam ieħor

Inklużi papri, dundjani, wiżż, fargħuni, ngħam u rġiel għat-tgħammir (ħlief tiġieġ tal-bajd). Jinkludu nisa għat-tgħammir. Mhux inklużi flieles.

610. Fniek, nisa għat-tgħammir

699. Fniek oħra

700. Naħal

Għandu jiġi indikat skont l-għadd ta' ġarar okkupati.

900. Annimali oħra

Huma inklużi flieles, ċriev, biżonti u ħut. Inklużi poni u annimali oħrajn użati għat-turiżmu tal-azjendi agrikoli. Eskluży prodotti ta' annimali oħrajn (ara t-Tabella K, kategorija 900).

GRUPPI TA' INFORMAZZJONI TAT-TABELLA J

J.AN. Għadd medju (għandu jiġi rreġistrat biss għall-kolonna A)

Kull unità tirreferi għall-preżenza ta' annimal wieħed fl-azjenda għal sena. L-annimali għandhom jingħaddu bi proporzjon skont it-tul ta' żmien li jkunu għamlu fl-azjenda matul is-sena ta' kontabbiltà.

L-għadd medju huwa ddeterminat permezz ta' inventarji perjodiċi jew billi jitniżżlu l-wasliet u t-tluq. Dan jinkludi l-annimali kollha preżenti fl-azjenda, anki annimali mrobbija jew imsemmna taħt kuntratt (annimali li ma jappartjenux għall-kumpanija, li jitrabbew jew huma msemmna hemmhekk b'tali manjiera li l-attività tikkostitwixxi biss servizz mogħti mid-detentur, li ma jassumix ir-riskju finanzjarju normalment assoċjat mat-trobbija jew it-tismin ta' dawn l-annimali) u annimali meħuda jew mogħtija għar-rigħi għall-perjodu tas-sena li matulu jkunu preżenti fl-azjenda.

Għadd medju (kolonna A)

L-għadd medju għandu jiġi espress sa żewġ punti deċimali.

Din l-informazzjoni m'għandhiex tingħata għall-annimali l-oħrajn (kategorija 900).

J.OV Valutazzjoni tal-ftuħ

L-għadd ta' bhejjem li jappartjenu għall-azjenda fil-bidu tas-sena ta' kontabbiltà, kemm jekk ikunu fl-azjenda u kemm jekk le f'dak il-ħin.

Għadd (kolonna N)

L-għadd ta' bhejjem għandu jiġi indikat skont l-għadd ta' individwi jew skont l-għadd ta' doqqajs, espress sa żewġ punti deċimali.

Din l-informazzjoni m'għandhiex tingħata għall-annimali l-oħrajn (kategorija 900).

Valur (kolonna V)

Il-valur tal-bhejjem għandu jiġi ddeterminat billi mill-valur ġust jitnaqqsu l-ispejjeż stmati fuq il-post tal-bejgħ f'jum il-valutazzjoni.

▼B

J.CV Valutazzjoni tal-għeluq

L-għadd ta' bhejjem li jappartjenu għall-azjenda fil-bidu tas-sena ta' kontabbiltà, kemm jekk ikunu fl-azjenda u kemm jekk le f'dak il-ħin.

Għadd (kolonna N)

L-għadd ta' bhejjem għandu jiġi indikat skont l-għadd ta' individwi jew skont l-għadd ta' doqqajs, espress sa żewġ punti deċimali.

Din l-informazzjoni m'għandhiex tingħata għall-annimali l-oħrajn (kategorija 900).

Valur (kolonna V)

Il-valur tal-bhejjem għandu jiġi ddeterminat billi mill-valur ġust jitnaqqsu l-ispejjeż stmati fuq il-post tal-bejgħ f'jum il-valutazzjoni.

J.PU Xiri

Irriferi għat-total tal-bhejjem mixtrija matul is-sena ta' kontabbiltà.

Għadd (kolonna N)

L-għadd ta' bhejjem għandu jiġi indikat skont l-għadd ta' individwi, sa żewġ punti deċimali. Din l-informazzjoni m'għandhiex tingħata għall-annimali l-oħrajn (kategorija 900).

Valur (kolonna V)

Il-valur tax-xiri jinkludi l-ispejjeż tax-xiri. L-għotjiet u s-sussidji relatati ma jitnaqqsux mit-total ta' dan ix-xiri, iżda huma speċifikati fit-Tabella M "Sussidji" fil-kategorija adegwata (kodiċijiet mill-5100 sal-5900).

J.SA Bejgħ totali

Jirriferi għat-total tal-bhejjem mibjugħa matul is-sena ta' kontabbiltà.

Jinkludi l-bejgħ lil konsumaturi, għall-konsum tagħhom stess, ta' bhejjem jew ta' laħam, kemm jekk l-annimali jinqatlu fl-azjenda u kemm jekk le.

Għadd (kolonna N)

L-għadd ta' bhejjem għandu jiġi indikat skont l-għadd ta' individwi, espress sa żewġ punti deċimali. Din l-informazzjoni ma għandhiex tingħata għall-annimali l-oħrajn (kategorija 900).

Valur (kolonna V)

Meta l-ispejjeż tat-tqegħid fis-suq, jekk ikun hemm, ikunu magħrufa, dawn ma jitnaqqsux mill-bejgħ totali, iżda dawn l-ispejjeż għandhom jingħataw taħt il-kodiċi 2090 ("Spejjeż speċifiċi oħra tal-bhejjem"). L-għotjiet u s-sussidji relatati mhumiex inklużi fil-bejgħ totali, iżda huma speċifikati fit-Tabella M "Sussidji" fil-kategorija adegwata (kodiċijiet mill-2110 sal-2900).

J.SS Bejgħ għall-qtil

Jirreferi għall-bhejjem mibjugħa għall-qtil matul is-sena ta' kontabbiltà. Din l-informazzjoni ma għandhiex tingħata għall-erieħ għat-tgħammir (kodiċi 251), in-naħal (kodiċi 700) u l-annimali l-oħrajn (kodiċi 900).

Għadd (kolonna N)

Ara Bejgħ totali

Valur (kolonna V)

Ara Bejgħ totali

▼B

J.SR Bejgħ għat-trobbija/għat-tgħammir

Jirreferi għall-bhejjem mibjugħa għal trobbija ulterjuri jew għat-tgħammir matul is-sena ta' kontabbiltà. Din l-informazzjoni ma għandhiex tingħata għall-erieħ għat-tismin (kodiċi 252), in-naħal (kodiċi 700) u l-annimali l-oħrajn (kodiċi 900).

Għadd (kolonna N)

Ara Bejgħ totali

Valur (kolonna V)

Ara Bejgħ totali

J.SU Bejgħ bi skop mhux magħruf

Jirreferi għall-bhejjem mibjugħa għal skop mhux magħruf matul is-sena ta' kontabbiltà. Din l-informazzjoni ma għandhiex tingħata għan-naħal (kodiċi 700) u l-annimali l-oħrajn (kodiċi 900).

Għadd (kolonna N)

Ara Bejgħ totali

Valur (kolonna V)

Ara Bejgħ totali

J.FC Konsum tal-azjenda u benefiċċji in natura

Jirreferi għall-bhejjem ikkonsmati min-nies li joqgħodu fl-azjenda jew użati għal benefiċċji in natura matul is-sena ta' kontabbiltà.

Għadd (kolonna N)

L-għadd ta' bhejjem għandu jiġi indikat skont l-għadd ta' individwi, sa żewġ punti deċimali. Din l-informazzjoni m'għandhiex tingħata għall-annimali l-oħrajn (kategorija 900).

Valur (kolonna V)

Il-valur tal-bhejjem għandu jiġi ddeterminat bil-valur ġust.

J.FU Użu tal-azjenda

Jirreferi għall-bhejjem użati fl-azjenda bħala mezzi ta' produzzjoni għall-ipproċessar ulterjuri fil-kuntest tal-attivitajiet l-oħrajn bi skop ta' qligħ matul is-sena ta' kontabbiltà. Huma inklużi bhejjem użati:

— għall-kejtering, akkomodazzjoni għat-turisti

— għall-ipproċessar ta' bhejjem għall-immanifatturar ta' prodotti tal-laħam u għalf

Huwa esklużi l-bejgħ ta' bhejjem jew ta' laħam, kemm jekk l-annimali jinqatlu fl-azjenda u kemm jekk le (ara l-informazzjoni dwar il-bejgħ SA).

Dan il-valur jitniżżel ukoll fit-Tabella H, bħala spejjeż marbuta ma' attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ, bl-użu tal-kodiċi 4070 (spejjeż speċifiċi għall-ipproċessar tal-laħam u ta' prodotti oħra tal-annimali).

Għadd (kolonna N)

L-għadd ta' bhejjem għandu jiġi indikat skont l-għadd ta' individwi, sa żewġ punti deċimali. Din l-informazzjoni m'għandhiex tingħata għall-annimali l-oħrajn (kategorija 900).

Valur (kolonna V)

Il-valur tal-bhejjem għandu jiġi ddeterminat bil-valur ġust.

▼B

Tabella K.

Prodotti tal-annimali u servizzi relatati

Struttura tat-tabella

Kategorija ta' prodotti tal-annimali jew ta' servizzi	Kodiċi (*)
Dejta nieqsa	Kodiċi (**)

Grupp ta' informazzjoni		Kolonni	
		Kwantità	Valur
		Q	**V**
OV	Valutazzjoni tal-ftuħ		
CV	Valutazzjoni tal-għeluq		
PR	Produzzjoni		—
SA	Bejgħ		
FC	Konsum tal-azjenda		
FU	Użu tal-azjenda		

Kodiċi (*)	Deskrizzjoni
261	Ħalib tal-baqar
262	Ħalib tal-bufli
311	Ħalib tan-nagħaġ
321	Ħalib tal-mogħoż
330	Suf
531	Bajd għall-konsum mill-bniedem (kull tip ta' pullam)
532	Bajd għat-tifqis (kull tip ta' pullam)
700	Għasel u prodotti ġejjin miż-żamma tan-naħal
800	Demel
900	Prodotti oħra tal-annimali
1100	Trobbija bil-kuntratt
1120	Baqar taħt kuntratt
1130	Nagħaġ u/jew mogħoż taħt kuntratt
1140	Qżieqeż taħt kuntratt
1150	Pullam taħt kuntratt
1190	Annimali oħra taħt kuntratt
1200	Servizzi oħra relatati mal-annimali

▼B

Kodiċi (**)	Deskrizzjoni
0	Il-Kodiċi 0 għandu jiddaħħal fil-każijiet fejn ma jkun hemm l-ebda dejta nieqsa.
2	Il-Kodiċi 2 għandu jiddaħħal għall-produzzjoni tal-annimali taħt kuntratt fil-każijiet meta, minħabba l-kundizzjonijiet tal-bejgħ, ma tkunx tista' tingħata l-produzzjoni reali (kolonna Q).
3	Il-Kodiċi 3 għandu jiddaħħal fil-każijiet meta, minħabba l-kundizzjonijiet tal-bejgħ, ma tkunx tista' tingħata l-produzzjoni reali (kolonna Q) u l-produzzjoni tal-annimali ma tkunx taħt kuntratt.
4	Il-Kodiċi 4 għandu jiddaħħal fil-każijiet meta l-produzzjoni attwali tkun nieqsa.

Kategoriji ta' prodotti tal-annimali u servizzi relatati

Wieħed għandu jiddistingwi bejn il-kategoriji ta' prodotti tal-annimali u servizzi relatati li ġejjin:

261. Ħalib tal-baqar

262. Ħalib tal-baqar tal-bufli

311. Ħalib tan-nagħaġ

321. Ħalib tal-mogħoż

330. Suf

531. Bajd għall-konsum mill-bniedem (kull tip ta' pullam)

532. Bajd għat-tifqis (kull tip ta' pullam)

700. Għasel u prodotti ġejjin miż-żamma tan-naħal: għasel, idromel u prodotti kif ukoll prodotti sekondarji oħrajn miż-żamma tan-naħal.

800. Demel

900. Prodotti oħra tal-annimali (miżati għall-kiri ta' żwiemel tar-razza għat-tgħammir, embriji, xema', fwied tal-wiżż jew tal-papri, ħalib ta' annimali oħra, eċċ.)

1100. Trobbija bil-kuntratt

Ammont ta' dħul minn trobbija b'kuntratt li jikkorrispondi primarjament għal ħlas għal servizzi mogħtija u meta d-detentur ma jassumix ir-riskju ekonomiku normalment involut fit-trobbija u s-simna ta' dawn l-annimali.

Dettalji tal-kategorija 1100 "Trobbija bil-kuntratt":

Id-dettalji għandhom jiddaħħlu jekk ikunu disponibbli fil-kontijiet tal-azjenda.

1120. Baqar taħt kuntratt

1130. Nagħaġ u/jew mogħoż taħt kuntratt

1140. Qżieqeż taħt kuntratt

1150. Pullam taħt kuntratt

1190. Annimali oħra taħt kuntratt

1200. Servizzi oħra relatati mal-annimali

Dħul għal servizzi oħra relatati mal-annimali (pagamenti marbuta ma' riġħi, eċċ.)

▼B

Kodiċi tad-dejta nieqsa

Għandhom jintużaw il-kodiċi li ġejjin għad-dejta nieqsa:

Kodiċi 0: Il-Kodiċi 0 għandu jiddaħħal fil-każijiet fejn ma jkun hemm l-ebda dejta nieqsa.

Kodiċi 2: Il-Kodiċi 2 għandu jiddaħħal għall-produzzjoni tal-annimali taħt kuntratt fil-każijiet meta, minħabba l-kundizzjonijiet tal-bejgħ, ma tkunx tista' tingħata l-produzzjoni reali (kolonna Q).

Kodiċi 3: Il-Kodiċi 3 għandu jiddaħħal fil-każijiet meta, minħabba l-kundizzjonijiet tal-bejgħ, ma tkunx tista' tingħata l-produzzjoni reali (kolonna Q) u l-produzzjoni tal-annimali ma tkunx taħt kuntratt.

Kodiċi 4: Il-Kodiċi 4 għandu jiddaħħal fil-każijiet meta l-produzzjoni attwali tkun nieqsa.

GRUPPI TA' INFORMAZZJONI FIT-TABELLA K

Għad-demel (kodiċi 800) għandha tingħata biss l-informazzjoni dwar il-bejgħ (SA) fil-kolonna valur (V).

Għall-prodotti l-oħra tal-annimali (kodiċi 900), l-informazzjoni għandha tingħata bħala valur biss (fil-kolonna V) billi l-kwantità ma tistax tingħata għal grupp magħmul minn prodotti eteroġeni.

Għal servizzi relatati mal-annimali bħat-trobbija bil-kuntratt (kodiċijiet mill-1100 sal-1190) u oħrajn (kodiċi 1200), l-unika informazzjoni li għandha tingħata tirrigwarda d-dħul, li għandu jitniżżel taħt l-informazzjoni dwar il-bejgħ (SA) fil-kolonna tal-valur (V).

Kwantità (kolonna Q)

Dawn il-kwantitajiet għandhom jiġu indikati fi qnatar (100 kg), ħlief fil-każ tal-bajd (kodiċijiet 531 u 532), f'liema każ għandhom jingħataw f'eluf.

▼M1

Fil-każ tal-prodotti li ġejjin miż-żamma tan-naħal ħlief għall-għasel (kodiċi 700), il-kwantità hija espressa fi kwintali ta' "ekwivalenti ta' għasel".

▼B

K.OV Valutazzjoni tal-ftuħ

Il-prodotti maħżuna (ħażna) fil-bidu tas-sena ta' kontabbiltà, eskluż l-bhejjem.

Kwantità (kolonna Q)

Ara l-istruzzjonijiet għat-Tabella K.

Valur (kolonna V)

Il-prodotti għandhom ikunu vvalutati bil-valur ġust f'jum il-valutazzjoni.

K.CV Valutazzjoni tal-għeluq

Il-prodotti maħżuna (ħażna) fi tmiem is-sena ta' kontabbiltà, eskluż l-bhejjem.

Kwantità (kolonna Q)

Ara l-istruzzjonijiet għat-Tabella K.

Valur (kolonna V)

Il-prodotti għandhom ikunu vvalutati bil-valur ġust f'jum il-valutazzjoni.

▼B

K.PR Produzzjoni matul is-sena ta' kontabbiltà

Kwantità (kolonna Q)

Il-kwantitajiet ta' prodotti tal-annimali prodotti waqt is-sena ta' kontabbiltà (eskluż kull telf). Dawn il-kwantitajiet huma indikati għall-prodotti prinċipali tal-azjenda (ħlief prodotti sekondarji). Hija inkluża l-produzzjoni użata għall-ipproċessar fil-qafas ta' attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ marbutin mal-azjenda.

Ħalib li jerdgħu l-għoġġiela mhuwiex inkluż fil-produzzjoni.

K.SA Bejgħ

It-total tal-prodotti mibjugħa matul is-sena ta' kontabbiltà, li kienu maħżuna fil-bidu tas-sena ta' kontabbiltà jew ġew prodotti matulha.

Kwantità (kolonna Q)

Ara l-istruzzjonijiet għat-Tabella K.

Valur (kolonna V)

Il-valur totali tal-bejgħ (irrispettivament jekk il-qligħ ikunx wasal matul is-sena ta' kontabbiltà jew le) ta' prodotti li kienu maħżuna fil-bidu tas-sena ta' kontabbiltà jew li ġew prodotti matulha.

It-total tal-prodotti mibjugħa jinkludi l-valur tal-prodotti rritornati lir-razzett (ħalib xkumat, eċċ.). Il-valur ta' dawn tal-aħħar għandu jitniżżel ukoll taħt l-ispejjeż tal-azjenda.

Kull ħlas ta' kumpens (pereżempju pagamenti ta' assigurazzjoni) waqt is-sena ta' kontabbiltà għandu jiżdied ukoll mat-total għall-bejgħ tal-prodotti kkonċernati kull meta jkun jista' jiġi allokat għall-produzzjoni ta' prodotti ta' din ix-xorta. Inkella għandu jiddaħħal taħt il-kodiċi 900 "Prodotti oħra tal-annimali".

Għotjiet u sussidji riċevuti għal prodotti matul is-sena ta' kontabbiltà mhumiex inklużi fit-total ta' bejgħ; għandhom jiddaħħlu fit-Tabella M "Sussidji" fil-kategorija adegwata (kodiċijiet bejn l-2110 u l-2900).

Meta l-ispejjeż ta' kummerċjalizzazjoni jekk ikun hemm, ikunu magħrufa, ma għandhomx jitnaqqsu mit-total tal-bejgħ, iżda għandhom jitniżżlu fit-Tabella H "Mezzi ta' produzzjoni" taħt il-kodiċi 2090 "Spejjeż speċifiċi oħrajn b'rabta mal-bhejjem".

K.FC Konsum tal-azjenda u benefiċċji in natura

Prodotti kkonsmati mill-unità domestika tad-detentur u/jew użati għal ħlasijiet *in natura* ta' oġġetti u servizzi (inkluża rimunerazzjoni in natura). Din l-informazzjoni ma għandhiex tingħata għall-bajd għat-tifqis (kodiċi 532).

Kwantità (kolonna Q)

Ara l-istruzzjonijiet għat-Tabella K.

Valur (kolonna V)

Il-prodotti għandhom ikunu vvalutati bil-valur ġust.

▼B

K.FU Użu tal-azjenda

Prodotti tal-azjenda li kienu maħżuna (ħażna) fil-bidu tas-sena ta' kontabbiltà u/jew li ġew prodotti matulha, u li jkunu ntużaw bħala mezzi ta' produzzjoni fl-azjenda matul is-sena. Dan jinkludi:

— għalf tal-bhejjem: il-prodotti tal-azjenda li jistgħu jinbiegħu (prodotti li bħalissa jistgħu jitqiegħdu fis-suq) u li matul is-sena ntużaw bħala għalf tal-annimali. Il-ħalib li jerdgħu l-għoġġiela mhuwiex inkluż fl-użu tal-azjenda.

— Prodotti użati fil-qafas tal-attivitajiet l-oħra bi skop ta' qligħ direttament relatati mal-azjenda agrikola:

  — kejtering, akkomodazzjoni ta' turisti, eċċ.

  — għal ipproċessar ulterjuri (ħalib ipproċessat biex minnu jsiru butir, ġobon, eċċ.)

Kwantità (kolonna Q)

Ara l-istruzzjonijiet għat-Tabella K.

Valur (kolonna V)

Il-prodotti għandhom ikunu vvalutati bil-valur ġust. Dawn il-valuri għandhom jiddaħħlu wkoll taħt l-ispejjeż tal-azjenda.

Tabella L.

L-attivitajiet oħra ta' qligħ b'rabta diretta mal-azjenda (OGA)

Struttura tat-tabella

Kategorija ta' OGA	Kodiċi (*)
Dejta nieqsa	Kodiċi (**)

		Kolonni	
Grupp ta' informazzjoni		Kwantità	Valur
		Q	**V**
OV	Valutazzjoni tal-ftuħ	—	
CV	Valutazzjoni tal-għeluq	—	
PR	Produzzjoni		—
SA	Bejgħ	—	
FC	Konsum tal-azjenda	—	
FU	Użu tal-azjenda	—	

Kodiċi (*)	Deskrizzjoni
261	L-ipproċessar tal-ħalib tal-baqar
262	L-ipproċessar tal-ħalib tal-bufli
311	L-ipproċessar tal-ħalib tan-nagħaġ
321	L-ipproċessar tal-ħalib tal-mogħoż
900	L-ipproċessar ta' laħam jew prodotti oħra tal-annimali

▼B

Kodiċi (*)	Deskrizzjoni
1010	L-ipproċessar tal-uċuħ tar-raba'
1020	Forestrija u pproċessar tal-injam
2010	Xogħol b'kuntratt
2020	Turiżmu, akkomodazzjoni, kejtering u attivitajiet oħra relatati mal-ħin tal-mistrieħ
2030	Produzzjoni ta' enerġiji rinnovabbli
9000	“Attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ” oħra direttament relatati mal-azjenda agrikola

Kodiċi (**)	Deskrizzjoni
0	Il-Kodiċi 0 għandu jiddaħħal fil-każijiet fejn ma jkun hemm l-ebda dejta nieqsa.
1	Il-Kodiċi 1 għandu jiddaħħal fil-każijiet fejn il-produzzjoni ssir bl-ipproċessar ta' prodotti tal-bhejjem jew tal-uċuħ tar-raba' mixtrija.
2	Il-Kodiċi 2 għandu jiddaħħal għall-produzzjoni taħt kuntratt fil-każijiet meta, minħabba l-kundizzjonijiet tal-bejgħ, ma tkunx tista' tingħata l-produzzjoni reali (kolonna Q).
3	Il-Kodiċi 3 għandu jiddaħħal fil-każijiet meta, minħabba l-kundizzjonijiet tal-bejgħ, ma tkunx tista' tingħata l-produzzjoni reali (kolonna Q) u l-produzzjoni ma tkunx taħt kuntratt.
4	Il-Kodiċi 4 għandu jiddaħħal fil-każijiet meta l-produzzjoni attwali tkun nieqsa.

Kategoriji tal-attivitajiet oħra ta' qligħ b'rabta diretta mal-azjenda

Wieħed għandu jiddistingwi l-kategoriji li ġejjin ta' attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ:

261. L-ipproċessar tal-ħalib tal-baqar

262. L-ipproċessar tal-ħalib tal-bufli

311. L-ipproċessar tal-ħalib tan-nagħaġ

321. L-ipproċessar tal-ħalib tal-mogħoż

900. L-ipproċessar ta' laħam jew prodotti oħra tal-annimali

1010. L-ipproċessar ta' prodotti tal-uċuħ tar-raba', ħlief inbid u żejt taż-żebbuġa. Hija inkluża l-produzzjoni tal-alkoħol li mhux ġej mill-għeneb, ċidru jew perri

1020. Forestrija u pproċessar tal-injam. Huwa kopert il-bejgħ ta' injam maqtugħ u wieqaf, ta' prodotti tal-forestrija apparti mill-injam (sufra, raża tal-arżnu, eċċ.). u l-injam ipproċessat matul is-sena ta' kontabbiltà.

2010. Xogħol b'kuntratt għal ħaddieħor. Il-kiri ta' tagħmir tal-azjenda mingħajr ħaddiema tal-azjenda jew l-użu ta' ħaddiema tal-azjenda biss f'xogħol b'kuntratt ma jitqisux bħala attività oħra bi skop ta' qligħ, iżda bħala parti mill-attività agrikola.

2020. Turiżmu, akkomodazzjoni, kejtering u attivitajiet oħra relatati mal-ħin tal-mistrieħ. Dawn jinkludu l-kera ġġenerata mit-turiżmu (siti ta' kampeġġ, djar fil-kampanja, faċilitajiet ta' rkib, kaċċa, sajd, eċċ.).

▼B

2030. Produzzjoni ta' enerġiji rinnovabbli. Tkopri l-produzzjoni ta' enerġiji rinnovabbli għas-suq, inklużi l-bijogass, il-bijofjuwils jew l-elettriku, permezz ta' turbini tar-riħ jew tagħmir ieħor jew minn materja prima agrikola. Teskludi l-oġġetti li ġejjin, billi dawn għandhom jiġu meqjusa bħala parti mill-attività agrikola tal-azjenda:

— il-produzzjoni għall-użu tal-azjenda biss, ta' enerġiji rinnovabbli,

— il-kiri ta' artijiet jew ta' bjut purament għal skopijiet ta' stallazzjoni bħal irdieden tar-riħ jew pannelli fotovoltajċi,

— il-bejgħ ta' materjal mhux maħdum lil impriża oħra għall-produzzjoni ta' enerġiji rinnovabbli.

9000. "Attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ" oħra direttament relatati mal-azjenda. Attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ b'rabta diretta mal-azjenda mhux imsemmija band'oħra.

Kodiċi tad-dejta nieqsa

Għandhom jintużaw il-kodiċi li ġejjin għad-dejta nieqsa:

Kodiċi 0: Il-Kodiċi 0 għandu jiddaħħal fil-każijiet fejn ma jkun hemm l-ebda dejta nieqsa.

Kodiċi 1: Il-Kodiċi 1 għandu jiddaħħal fil-każijiet fejn il-produzzjoni ssir bl-ipproċessar ta' prodotti tal-bhejjem jew tal-uċuħ tar-raba' mixtrija.

Kodiċi 2: Il-Kodiċi 2 għandu jiddaħħal għall-produzzjoni taħt kuntratt fil-każijiet meta, minħabba l-kundizzjonijiet tal-bejgħ, ma tkunx tista' tingħata l-produzzjoni reali (kolonna Q).

Kodiċi 3: Il-Kodiċi 3 għandu jiddaħħal fil-każijiet meta, minħabba l-kundizzjonijiet tal-bejgħ, ma tkunx tista' tingħata l-produzzjoni reali (kolonna Q) u l-produzzjoni ma tkunx taħt kuntratt.

Kodiċi 4: Il-Kodiċi 4 għandu jiddaħħal fil-każijiet meta l-produzzjoni attwali tkun nieqsa.

GRUPPI TA' INFORMAZZJONI FIT-TABELLA L

Kwantità (kolonna Q)

Dawn il-kwantitajiet għandhom jingħataw fi qnatar (100 kg).

Fil-każ tal-prodotti pproċessati mill-ħalib (kodiċijiet 261, 262, 311 u 321), hija indikata l-kwantità ta' ħalib likwidu irrispettivament mill-għamla li fiha jinbiegħ, jiġi kkonsmat fl-azjenda jew jintuża għal benefiċċji in natura jew għall-finijiet tal-azjenda (krema, butir, ġobon, eċċ.).

L.OV Valutazzjoni tal-ftuħ

Il-prodotti li kienu maħżuna (ħażna) fil-bidu tas-sena ta' kontabbiltà.

Din l-informazzjoni ma għandhiex tingħata għax-xogħol b'kuntratt (kodiċi 2010), l-attivitajiet turistiċi (kodiċi 2020), il-produzzjoni tal-enerġiji rinnovabbli (kodiċi 2030) u "Attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ" oħra direttament relatati mal-azjenda (kodiċi 9000).

Valur (kolonna V)

Il-valur tal-prodotti għandu jiġi ddeterminat billi mill-valur ġust jitnaqqsu l-ispejjeż stmati fuq il-post tal-bejgħ f'jum il-valutazzjoni.

▼B

L.CV Valutazzjoni tal-għeluq

Il-prodotti li kienu maħżuna (ħażna) fi tmiem is-sena ta' kontabbiltà.

Din l-informazzjoni ma għandhiex tingħata għax-xogħol b'kuntratt (kodiċi 2010), l-attivitajiet turistiċi (kodiċi 2020), il-produzzjoni tal-enerġiji rinnovabbli (kodiċi 2030) u "Attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ" oħra direttament relatati mal-azjenda (kodiċi 9000).

Valur (kolonna V)

Il-valur tal-prodotti għandu jiġi ddeterminat billi mill-valur ġust jitnaqqsu l-ispejjeż stmati fuq il-post tal-bejgħ f'jum il-valutazzjoni.

L.PR Produzzjoni għas-sena ta' kontabbiltà

Kwantità (kolonna Q)

Din l-informazzjoni għandha tingħata biss għall-kategoriji li jikkonċernaw l-ipproċessar tal-ħalib (kodiċi mill-261 sat-321).

Tikkorrispondi għall-kwantità ta' ħalib likwidu prodott fl-azjenda matul is-sena ta' kontabbiltà u użat għall-produzzjoni ta' prodotti pproċessati.

L.SA Bejgħ

It-total tal-prodotti mibjugħa matul is-sena ta' kontabbiltà, li nħażnu fil-bidu tas-sena ta' kontabbiltà jew li ġew prodotti matulha kif ukoll id-dħul mill-OGA l-oħra.

Valur (kolonna V)

Il-valur totali tal-bejgħ (irrispettivament jekk il-qligħ ikunx wasal matul is-sena ta' kontabbiltà jew le) ta' prodotti li kienu maħżuna fil-bidu tas-sena ta' kontabbiltà jew li ġew prodotti matulha.

Kull ħlas ta' kumpens (pereżempju pagamenti ta' assigurazzjoni) waqt is-sena ta' kontabbiltà għandu jiżdied ukoll mat-total għall-bejgħ tal-prodotti kkonċernati kull meta jkun jista' jiġi allokat għall-produzzjoni ta' prodotti ta' din ix-xorta. Inkella għandu jiddaħħal fit-Tabella I "Uċuħ tar-raba'" taħt il-kodiċi 90900 "Oħrajn".

▼M1

L-għotjiet u s-sussidji riċevuti għall-prodotti matul is-sena ta' kontabbiltà mhumiex inklużi fit-total tal-bejgħ; għandhom jiddaħħlu fit-Tabella M "Sussidji" fil-kategorija adegwata (kodiċijiet bejn l-2110 u l-2900). Meta l-ispejjeż tat-tqegħid fis-suq, jekk ikun hemm, ikunu magħrufa, dawn ma jitnaqqsux mit-total tal-bejgħ, iżda jitniżżlu fit-Tabella H "Mezzi ta' Produzzjoni" fil-kategorija adegwata ta' spejjeż speċifiċi ta' attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ (kodiċijiet mill-4010 sal-4090).

▼B

L.FC Konsum tal-azjenda u benefiċċji in natura

Prodotti kkonsmati mill-unità domestika tad-detentur u/jew użati għal ħlasijiet *in natura* ta' oġġetti u servizzi (inkluża rimunerazzjoni in natura).

Din l-informazzjoni ma għandhiex tingħata għax-xogħol b'kuntratt (kodiċi 2010), l-attivitajiet turistiċi (kodiċi 2020) u l-produzzjoni ta' enerġiji rinnovabbli (kodiċi 2030).

Valur (kolonna V)

Il-prodotti għandhom ikunu vvalutati bil-valur ġust.

▼B

L.FU Użu tal-azjenda

Prodotti tal-azjenda li kienu maħżuna (ħażna) fil-bidu tas-sena ta' kontabbiltà u/jew li ġew prodotti matulha, u li jkunu ntużaw bħala mezzi ta' produzzjoni fl-azjenda matul is-sena. Huma inklużi prodotti pproċessati fl-azjenda (ħalib ipproċessat f'ġobon, ċereali pproċessati għall-ħobż, laħam li minnu sar perżut, eċċ.) li jkunu ntużaw bħala mezzi ta' produzzjoni għall-kejtering jew għall-akkomodazzjoni turistika.

Din l-informazzjoni ma għandhiex tingħata għax-xogħol b'kuntratt (kodiċi 2010), l-attivitajiet turistiċi (kodiċi 2020) u l-produzzjoni ta' enerġiji rinnovabbli (kodiċi 2030).

Valur (kolonna V)

Il-prodotti għandhom ikunu vvalutati bil-valur ġust.

Tabella M.

Sussidji

Struttura tat-tabella

	Kategorija tas-sussidju/informazzjoni amministrattiva	Kodiċi (*)
	Finanzjament	Kodiċi (**)
	Unità bażika	Kodiċi (***)

Grupp ta' informazzjoni		Kolonni		
		Għadd ta' unitajiet bażiċi	Valur	Tip
		N	**V**	**T**
S	Sussidju			—
AI	Informazzjoni amministrativa		—	

Il-kategoriji għandhom jintgħażlu mil-lista ta' hawn taħt:

Kodiċi (*)	Grupp	Deskrizzjoni tal-kategoriji	Kolonni		
			N	**V**	**T**
		Pagamenti diżakkoppjati			
1150	S	BPS (Skema ta' pagament bażiku)			—
1200	S	SPUE (Skema ta' pagament uniku skont l-erja)			—
1300	S	Pagament ridistributtiv			—
1400	S	Pagament għal prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent	—		—
1500	S	Pagament għal erjas b'restrizzjonijiet naturali			—
1600	S	Pagament lill-bdiewa żgħażagħ			—
1700	S	Skema għall-bdiewa żgħar			—

▼B

Kodiċi (*)	Grupp	Deskrizzjoni tal-kategoriji	Kolonni		
			N	V	T
		Appoġġ akkoppjat			
		Uċuħ tar-raba' fuq art li tista' tinħarat			
		COP (Ċereali, żrieragħ taż-żejt u wċuħ tar-raba' tal-proteini speċjalizzati)			
23111	S	Ċereali			—
23112	S	Żrieragħ taż-żejt			—
23113	S	Pagament uniku			—
2312	S	Patata			—
23121	S	Li minnha patata għal-lamtu			—
2313	S	Pitravi zokkrija			—
		Pjanti industrijali			
23141	S	Kittien			—
23142	S	Qanneb			—
23143	S	Ħops			—
23144	S	Kannamiela			—
23145	S	Ċikwejra			—
23149	S	Uċuħ tar-raba' industrijali oħrajn			—
2315	S	Ħxejjex			—
2316	S	Art mhux maħduma			—
2317	S	Ross			—
2318	S	Legumi taż-żerriegħa			—
2319	S	Uċuħ tar-raba' fuq art li tista' tinħarat mhux iddefiniti			—
2320	S	Bwar permanenti			—
2321	S	Għalf niexef			—
2322	S	Pagament speċifiku għall-uċuħ tar-raba' għall-qoton			—
2323	S	Programm ta' ristrutturazzjoni fis-settur tal-qoton			—
2324	S	Produzzjoni ta' żrieragħ			—

▼B

Kodiċi (*)	Grupp	Deskrizzjoni tal-kategoriji	Kolonni		
			N	V	T
		Uċuħ tar-raba' permanenti			
23311	S	Frott tal-bosk			—
23312	S	Ġewż			—
2332	S	Frott b'karpelli fin-nofs u frott bl-għadma			—
2333	S	Plantazzjonijiet taċ-ċitru			—
2334	S	Plantazzjonijiet taż-żebbuġ			—
2335	S	Vinji			—
2339	S	Uċuħ tar-raba' permanenti mhux imsemmija band'oħra			—
		Annimali			
2341	S	Prodotti tal-ħalib			—
2342	S	Ċanga u vitella			—
2343	S	Bhejjem bovini (it-tip mhux speċifikat)			—
2344	S	Nagħaġ u mogħoż			—
2345	S	Qżieqeż u pullam			—
2346	S	Dud tal-Ħarir			—
2349	S	Annimali mhux imsemmijin band'oħra			—
2410	S	Msaġar ta' newba qasira			—
2490	S	Pagamenti akkoppjati oħra mhux imsemmija band'oħra			—
		Għotjiet u sussidji ta' karattru eċċezzjonali			
2810	S	Pagamenti għal diżastri			—
2890	S	Għotjiet u sussidji oħra ta' karattru eċċezzjonali			—
2900	S	Pagamenti diretti oħra mhux imsemmija band'oħra			—

▼B

Kodiċi (*)	Grupp	Deskrizzjoni tal-kategoriji	Kolonni		
			N	V	T
		Żvilupp Rurali			
3100	S	Sussidji għall-investiment fl-agrikultura			—
3300	S	Pagamenti għall-agroambjent u l-benesseri tal-annimali			—
3350	S	Biedja organika			—
3400	S	Pagamenti għan-Natura 2000 u d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (minbarra l-forestrija)			—
3500	S	Pagamenti lil żoni li jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħra			—
	S	Il-Foresterija			
3610	S	Investimenti fl-iżvilupp taż-żoni forestali u titjib tal-vijabbiltà tal-foresti			—
3620	S	Pagamenti għan-Natura 2000 għall-forestrija u s-servizzi ambjentali u tal-klima u għall-appoġġ tal-konservazzjoni tal-foresti			—
3750	S	Appoġġ biex jiġġedded il-potenzjal tal-produzzjoni agrikola li saritilu ħsara b'diżastri naturali u avvenimenti katastrofiċi u għall-introduzzjoni ta' azzjonijiet xierqa ta' prevenzjoni			—
3900	S	Pagamenti oħra għall-iżvilupp rurali			—
		Għotjiet u sussidji fuq spejjeż			
4100	S	Pagi u sigurtà soċjali			—
4200	S	Fjuwils tal-muturi			—
		Bhejjem			
4310	S	Għalf għal bhejjem li jirgħu			—
4320	S	Għalf għall-qżieqeż u l-pullam			—
4330	S	Spejjeż oħra relatati mal-bhejjem			—

▼B

Kodiċi (*)	Grupp	Deskrizzjoni tal-kategoriji	Kolonni		
			N	V	T
		Uċuħ tar-raba'			
4410	S	Żrieragħ			—
4420	S	Fertilizzanti			—
4430	S	Ħarsien tal-uċuħ tar-raba'			—
4440	S	Spejjeż oħra speċifiċi relatati mal-uċuħ tar-raba'			—
		Spejjeż ġenerali u regolari tal-irziezet			
4510	S	Elettriku			—
4520	S	Fjuwils għat-tisħin			—
4530	S	Ilma			—
4540	S	Assigurazzjoni			—
4550	S	Imgħaxijiet			—
4600	S	Spejjeż relatati ma' attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ			—
4900	S	Spejjeż oħra			—
		Għotjiet u sussidji fuq ix-xiri ta' bhejjem			
5100	S	Xiri ta' prodotti tal-ħalib			—
5200	S	Xiri ta' ċanga			—
5300	S	Xiri ta' nagħaġ u mogħoż			—
5400	S	Xiri ta' qżieqeż u pullam			—
5900	S	Xiri ta' annimali oħra			—
9000	S	**Differenzi minn snin preċedenti ta' kontabbiltà**			—
		Pagamenti għal prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent			
10000	AI	Prattiki agrikoli li jibbenefikaw il-klima u l-ambjent	—	—	
10100	AI	Diversifikazzjoni tal-uċuħ tar-raba'		—	

▼B

Kodiċi (*)	Grupp	Deskrizzjoni tal-kategoriji	Kolonni		
			N	V	T
10200	AI	Bwar permanenti		—	
10210	AI	Li minnhom bwar permanenti li huwa ambjentalment sensittiv fin-Natura 2000		—	
10220	AI	Li minnhom bwar permanenti li huwa ambjentalment sensittiv barra min-Natura 2000		—	
10300	AI	Erja ta' fokus ekoloġiku		—	
10310	AI	Art li titħalla tistrieħ		—	—
10311	AI	Egħlieqi mtarrġa		—	—
10312	AI	Karatteristiċi tal-pajsaġġ		—	—
10313	AI	Art ta' lqugħ		—	—
10314	AI	Ettari ta' agro-forestrija		—	—
10315	AI	Strixex ta' ettari eliġibbli tul trufijiet ta' foresti		—	—
10316	AI	Erjas b'imsajġar b'rotazzjoni qasira		—	—
10317	AI	Żoni afforestati		—	—
10318	AI	Żoni bi pjanti li jitħawlu bejn għelejjel oħrajn u jżommu n-nitroġenu fil-ħamrija		—	—
10319	AI	Żoni bi pjanti li jżommu n-nitroġenu		—	—

Il-kodiċijiet li jiddeskrivu kif inhu ffinanzjat is-sussidju għandhom jingħażlu mil-lista ta' hawn taħt:

Kodiċi (**)	Deskrizzjoni
0	Mhux applikabbli: dan il-kodiċi għandu jintuża għall-informazzjoni amministrattiva
1	Is-sussidju huwa ffinanzjat mill-baġit tal-UE biss.
2	Il-miżura hija kkofinanzjata mill-UE u l-Istat Membru.
3	Il-miżuri mhijiex iffinanzjata mill-baġit tal-UE, iżda minn sorsi pubbliċi oħra.

▼B

Il-kodiċijiet li jiddefinixxu l-unitajiet bażiċi għandhom jingħażlu mil-lista ta' hawn taħt:

Kodiċi (***)	Deskrizzjoni
0	Mhux applikabbli: dan il-kodiċi għandu jintuża għall-informazzjoni amministrattiva
1	Is-sussidju jingħata skont l-għadd ta' bhejjem.
2	Is-sussidju jingħata skont l-għadd ta' ettari.
3	Is-sussidju jingħata skont l-għadd ta' tunnellati.
4	Razzett/oħra: is-sussidju jingħata għar-razzett kollu jew b'mod li ma jaqax taħt il-kategoriji l-oħra.

It-Tabella M "SUSSIDJI" tkopri l-għotjiet u s-sussidji li jingħataw lill-azjendi agrikoli mill-entitajiet pubbliċi, kemm dawk Nazzjonali, kif ukoll dawk tal-UE. Tkopri wkoll l-informazzjoni amministrattiva dwar il-pagamenti għall-ekoloġizzazzjoni.

GRUPPI TA' INFORMAZZJONI FIT-TABELLA M

S Sussidji

L-għotjiet u s-sussidji huma ddefiniti skont il-kategorija ta' sussidju (S), il-finanzjament u l-unitàjiet bażiċi. Għal kull entrata għandhom jiġu rreġistrati l-għadd ta' unitajiet bażiċi (N) u l-ammont li jingħata (V). Jista' jkun hemm diversi rekords għal kull kategorija ta' sussidju, hekk kif l-unitajiet bażiċi u/jew l-oriġini tal-finanzjament jistgħu jkunu differenti.

Bħala regola ġenerali, l-għotjiet u s-sussidji rreġistrati fit-Tabella M jikkorrispondu għas-sena ta' kontabbiltà kurrenti, irrispettivament minn meta jiġi riċevut il-ħlas (is-sena ta' kontabbiltà hija l-istess bħas-sena ta' talba). Is-sussidji għall-investiment u l-pagamenti rurali, minbarra l-pagamenti lil żoni li jġarrbu diffikultajiet naturali jew speċifiċi oħra jikkostitwixxu eċċezzjoni għal din ir-regola ġenerali, peress li l-ammonti rreġistrati għandhom jirreferu għall-pagamenti li verament ġew riċevuti matul is-sena ta' kontabbiltà (is-sena ta' kontabbiltà hija ekwivalenti għas-sena ta' ħlas).

AI Informazzjoni amministrativa

L-implimentazzjoni ta' prattiki agrikoli favur il-klima u l-ambjent hija ddefinita skont il-kategorija tal-informazzjoni amministrattiva (AI). L-għadd (N) u/jew it-tip (T) ta' unitajiet bażiċi għandhom jiġu rreġistrati għal kull entrata, kif inhu speċifikat fit-tabella.

L-għadd ta' unitajiet bażiċi (N) jikkorrispondi mal-erja kkonċernata mill-prattiki agrikoli favur il-klima u l-ambjent, espress f'ettari:

(1) Il-kodiċi 10100 — iż-żona tal-art li tinħadem li hi eliġibbli għal pagamenti diretti;

(2) Il-kodiċi 10200 — Żona ta' bur permanenti;

(3) Il-kodiċijiet 10300-10319 — Żona ta' art li tinħadem li tikkorrispondi ma' żona ta' fokus ekoloġiku, espressa f'ettari wara l-applikazzjoni tal-fatturi ta' konverżjoni, iżda qabel ma jintużaw il-fatturi ta' ponderazzjoni fejn ikun rilevanti.

▼B

L-għotja tad-dejta msemmija fil-kolonna Għadd ta' unitajiet bażiċi (N) hija fakultattiva fis-snin 2015-2017 għall-kodiċijiet 10300-10319.

It-tip (T) għandu jintgħażel mil-lista ta' hawn taħt:

Kodiċi	Deskrizzjoni
1	L-azjenda agrikola hija obbligata li tikkonforma mar-rekwiżit amministrattiv.
2	L-azjenda agrikola tikkonforma *ipso facto* mar-rekwiżit amministrattiv (biedja organika).
3	L-azjenda agrikola hija eżentata minħabba l-konformità tagħha man-Natura 2000. jew ma' Direttiva dwar l-Għasafar jew id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma.
4	L-azjenda agrikola hija eżentata minħabba kriterji oħra speċifikati fir-Regolament (UE) Nru 1307/2013.
5	L-azjenda agrikola qiegħda tapplika l-ekwivalenza skont skemi ta' ċertifikazzjoni ambjentali nazzjonali jew reġjonali.
6	L-azjenda agrikola qiegħda tapplika l-ekwivalenza minħabba miżuri agroambjentali klimatiċi.

Fil-każ tal-kategorija 10000 “Prattiki agrikoli favur il-klima u l-ambjent”, fil-kolonna Tip (T) jistgħu jiddaħħlu biss il-valuri 1 jew 2 (li jeskludu wieħed lill-ieħor).

(1) Jekk jintgħażel il-kodiċi 1, l-informazzjoni trid tiġi rreġistrata għall-kategoriji 10100-10319, u fil-kolonna Tip (T) jistgħu jiddaħħlu biss il-valuri 1, 3, 4, 5 u 6;

(2) Jekk jintgħażel il-kodiċi 2, ma għandha tiġi rreġistrata ebda informazzjoni għall-kategoriji 10100-10319.